

NEWSPAPER POS

IL-BELT

# VICTORIA

Pubblikazzjoni bimensili tal-bażilika protoparrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

NOVEMBRU – DIĊEMBRU 2010

Nru 17

# TISLIMA LIL MISSIER GĦAŻIŻ LI ĦALLIENA

## *Wara l-mewt ta' l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi f'Novembru 2010*



Ir-ritratt ta' din il-qoxra juri lill-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca qed jirregala kalċi lill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi, fundatur u l-ewwel Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan, b'ringrazzjament tal-komunità parrokkjali tagħna għad-dinjità tal-Kolleġġjata Veskovili ta' San Ġorġ, Lulju 1976.

## Paġni speċjali fuq l-Isqof Cauchi

rapport  5-7

kummentarju  8-9

ħajtu fil-qosor  10



# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 2155 6377, fax: 2155 6981 email: info@ilbeltvictoria.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Tama għal nifs ġdid

Bħalma pjanta tkun mixtieqa minn qatra ilma ħalli tkompli tikber u tiffjorixxi, hekk il-parroċċa ta' San Ġorġ ħadet nifs ġdid meta Mons. Isqof Mario Grech ħabbar li San Ġorġ għandu vigarju parrokkjali ieħor fil-persuna ta' Mons. Anton Borg. Il-ferħ tagħna huwa doppju, għax dan hu wieħed minn ulied l-istess parroċċa tagħna.

Ma rridux li din il-pjanta tidbiel għax m'għandhiex il-qawwa tax-xemx, imma rriduha tagħmel frott veru – kif dejjem ikun mixtieq – ispirat mill-imħabba ġenwina lejn Alla, lejn Ġesù Kristu, l-Imgħallem tagħna, lejn San Ġorġ u lejn il-Knisja, ħalli tagħti frott f'għemejjel konkreti u mhux bil-kliem biss. Dan il-frott għandu jkun l-interessi tal-parroċċa ta' San Ġorġ, li fil-każ tagħna hu l-punt ċentrali li jagħmilna komunità waħda. U biex dan il-frott jikber, irid ikun hemm il-kollaborazzjoni tal-Ġorġjani kollha u veri, li jħarsu l-interess ġenwin tal-parroċċa, lil hinn minn kull xewqa personali jew aspirazzjoni privata. B'din l-imħabba, kif dejjem seħħ, il-parroċċa tkompli għaddejja bil-ħidma tagħha, kontra kull kurrent li m'hux fl-ispirtu tal-verità u tal-ġustizzja mgħallma minn Kristu nnifsu.

Għalhekk nagħtuk merħba, Monsinjur Borg, bħala vigarju parrokkjali, u nwegħduk l-id tal-kollaborazzjoni sinċiera. Nixtiequ u sa naħdmu miegħek biex, bik fostna u magħna, din it-tama li tfawwar lil qalbna tinbidel f'realtà, biex naraw lill-parroċċa tagħna tissokta bil-missjoni tagħha għall-ġid tal-poplu ta' Alla f'din il-belt u f'din il-gżira. Irridu li din ir-realtà li hi San Ġorġ, bl-għajnuna tal-Patrun maħbub tagħna u tiegħek, tkompli tkun, kif dejjem kienet, parroċċa attiva, dinamika u ħabrieka. Ippermettilna nippreżentawlek il-figura – ta' ispirazzjoni għalina u għal kull Ġorġjan – ta' l-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca, li lilna jidhrilna li hu eżempju l-aktar sabiħ ta' ragħaj li ħabb il-merħla u l-interessi tagħha fid-dawl ta' l-imħabba ta' Alla u l-imħabba ta' San Ġorġ li dejjem xprunawh. Int ħdimt miegħu f'żogħżitek, u taf kemm kien bniedem integru, sinċier u awtentiku. Jalla, bħal Monsinjur Mercieca, li għadna kemm fakkarna l-mitt sena minn twelidu u fix-xhur li ġejjin nittamaw li jkollna l-opportunità nfakkruh mill-ġdid, ikollna ħafna saċerdoti oħra żelanti li, fi kliem il-Messaġġ ta' l-Arċipriet f'din il-ħarġa, kull kelma u kull imġiba tagħhom, "għax ġejjin mill-ubbidjenza għar-rieda ta' Alla, jagħtu l-frott".

### KRONAKA PARROKKJALI

*Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

| | |
|---|---|
| 17/08/2010 | **Lara Marie**, bint Steve Ellis u Laura Cauchi |
| 05/09/2010 | **Mariette**, bint Joanne Mejlak u Francis Cauchi |
| 11/09/2010 | **Owen**, bin Francienne Attard u Stephen Cauchi |
| 25/09/2010 | **Chanel**, bint Tania Georgette Gauci u Paulivan Formosa |
| 09/10/2010 | **Mirei**, bint George Vella u Simone Cassar |
| 10/10/2010 | **David**, bin Franco Magrin u Jaclyn Anne Attard |

*Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

| | |
|---|---|
| 21/08/2010 | **Mariella Camilleri** u **Edwin Ciantar** |
| 28/08/2010 | **Samara Grech** u **William Axiak** |
| 18/09/2010 | **Marisabelle Debono** u **Gary Rotin** |

*Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

| | |
|---|---|
| 06/08/2010 | **Ġuża Farrugia** |
| 21/08/2010 | **Emanuela Grima** |
| 24/08/2010 | **Anton Attard** |
| 05/10/2010 | **Dolora Refalo** |
| 14/10/2010 | **Charles Mifsud** |

**Nifirħu lil...** L-istudenti kollha mill-parroċċa tagħna li fl-aħħar ġimgħat iggradwaw fis-suġġetti rispettivi tagħhom mill-Università ta' Malta, fosthom lil Ramona Spiteri li laħqet perit.

**Grazzi ta' l-għajnuna tagħkom:** Mons. Coronato Grima (Victoria) – €10; Mons. Alfred Xuereb (Vatikan) – €30.

Il-Belt Victoria hi l-pubblikazzjoni maħruġa kull xahrejn mill-bażilika protoparrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva ta' l-arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.



BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Neville Galea, George Francis Vella, Antoine Vassallo.
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Teddy Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Andrew Formosa, Ivan Galea, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# MESSAĠĠ mill-Arċipriet

*Mons. Pawlu Cardona*



## It-tielet funzjoni tas-saċerdot: "li jmexxi, jiggwida u jrieġi"

Għeżież membri tal-parroċċa tagħna u qarrejja ta' *Il-Belt Victoria*, insellmilkom. Fil-ħarġa ta' Lulju-Awwissu 2010 qsamt ftit riflessjonijiet magħkom fuq it-tieni funzjoni li għandu s-saċerdot: dik li "jqaddes". Il-lum nixtieq nieqaf magħkom fuq it-tielet funzjoni li għandu: dik li "jrieġi". Din il-missjoni s-saċerdot iwettaqha bl-awtorità ta' Kristu u mhux b'dik tiegħu nnifsu, u jrieġi l-poplu ta' Alla fdat f'idejh.

**X'nifhmu b'awtorità?**

M'hux faċli fil-kultura ta' żminijietna li jiġi aċċettat dan il-kunċett ta' awtorità, li għandu l-oriġni tiegħu fil-mandat ta' Kristu lid-dixxipli biex jirgħu l-merħla tiegħu. X'nifhmu aħna l-Kristjani meta ngħidu awtorità? L-esperjenzi kulturali, politiċi u storiċi tas-seklu li għadda ħallew effett ta' suspett fil-bniedem kontemporanju f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-awtorità; suspett li ħoloq ħtieġa li tiġi abbandunata kull awtorità li m'hix ġejja esklussivament mill-bnedmin jew ikkontrollata minnhom. Ma rridux ninsew li kienu dawn ir-reġimi dittatorjali tas-seklu għoxrin li żergħu biża' u mewt, kienu huma li taw xhieda li l-awtorità, f'kull qasam, meta titħaddem mingħajr riferiment għal dak li hu traxxendenti, Alla nnifsu, tispiċċa biex iddur kontra l-bniedem. Ma ninsewx li l-awtorità umana m'għandhiex skop fiha nfisha, iżda hija dejjem u biss mezz, u l-għan tagħha huwa dejjem il-persuna umana, maħluqa minn Alla b'dinjità u msejħa biex ikollha x'taqsam miegħu fil-ħajja ta' issa u fil-ħajja ta' dejjem. L-awtorità mifhuma b'dan il-mod għandha l-iskop li taqdi l-ġid veru tal-bnedmin u hija trasparenza tal-veru ġid li hu Alla nnifsu.

**Il-Knisja trieġi f'isem Kristu**

Il-Knisja hija msejħa u timpenja ruħha biex twettaq dan it-tip ta' treġija, li m'huwiex ħlief qadi. Dan tagħmlu mhux f'isimha imma f'isem Kristu, li rċieva minn għand il-Missier kull setgħa fis-Sema u fl-art (ara Mt 28:18). Fil-fatt, permezz tar-Ragħajja tal-Knisja, Kristu jirgħa l-merħla tiegħu: hu Kristu li jmexxiha, li jieħu ħsiebha, li jikkoreġiha, għaliex iħobbha bi mħabba kbira. Il-Mulej Ġesù, Ragħaj ewlieni tagħna, ried li l-Kulleġġ Appostoliku, il-lum l-isqfijiet, f'għaqda mas-Suċċessur ta' Pietru u mas-saċerdoti, il-kollaboraturi għeżież tagħhom, jieħdu sehem fil-missjoni ta' treġija tal-poplu ta' Alla, jedukaw fil-fidi, jorjentaw, janimaw u jsostnu l-komunità Kristjana. Kif jgħid il-Konċilju, "imisshom jieħdu ħsieb [...] li l-fidili kollha jitwasslu fl-Ispirtu s-Santu biex jgħixu tajjeb is-sejħa tiegħu skond l-Evanġelju, għall-imħabba sinċiera u ħabrieka u għal dik il-libertà li biha ħelisna Kristu" (*Presbyterorum ordinis*, 6). Allura kull ragħaj huwa meqjus strument li permezz tiegħu Kristu nnifsu jħobb lill-bnedmin: hu permezz tagħna s-saċerdoti li Kristu jilħaq l-erwieħ, jgħallimhom, jieħu ħsiebhom, jiggwidahom. Santu Wistin, fil-Kummentarju għall-Vanġelu ta' San Ġwann, jgħid: "Ħa jkun impenn ta' mħabba li nirgħu l-merħla tal-Mulej" (123:5); din hi l-ogħla mġiba tal-ministri ta' Alla, imħabba bla xkiel, bħal dik tar-Ragħaj it-Tajjeb, mimlija ferħ, miftuħa għal kulħadd, attenta għal dawk viċin u moħħha f'dawk li huma 'l bogħod (ara Santu Wistin, *Diskors* 340:1, *Diskors* 46:15), b'attenzjoni partikulari għal dawk dgħajfa, għaż-żgħar, għas-sempliċi, għall-midinbin, sabiex turi l-ħniena infinita ta' Alla bi kliem li jiżgura t-tama (ara Santu Wistin, *Ittra* 95:1).

**X'jintalab mis-saċerdot?**

Jekk dan l-impenn pastorali hu mibni fuq is-sagrament, l-effikaċja tiegħu ma tistax ma tiddependix mill-ħajja personali tas-saċerdot. Biex ikun ragħaj skond il-qalb ta' Alla (ara Ġer 3:15) is-saċerdot jeħtieġ li jkollu ħbiberija ħajja ma' Kristu, mibnija mhux biss fuq livell intellettwali, iżda wkoll fuq il-libertà u r-rieda ħielsa, konxju ta' l-identità li rċieva fl-ordinazzjoni saċerdotali. Għandu jkollu disponibbiltà totali biex irieġi l-merħla li l-Mulej fdalu lejn fejn irid Hu, u mhux fejn jaħseb li hu l-aktar konvenjenti jew faċli għalih. Qabel xejn jitlob li jkun hemm disponibbiltà kontinwa u progressiva f'li jħalli lil Kristu jmexxi l-ħajja saċerdotali tiegħu. Għax verament ħadd m'hu kapaċi jirgħa l-merħla ta' Kristu jekk ma jgħixx l-ubbidjenza ħajja u profonda għal Kristu u għall-Knisja. L-istess doċilità tal-poplu ta' Alla lejn is-saċerdoti tiegħu tiddependi mid-doċilità tas-saċerdoti lejn Kristu; għalhekk bħala bażi tal-ministeru pastorali hemm dejjem il-laqgħa personali u kostanti mal-Mulej, l-għarfien profond tiegħu, it-twaħħid tar-rieda propja ma' dik ta' Kristu.

**Xi tfisser ġerarkija?**

Hija opinjoni komuni li "ġerarkija" hija xi ħaġa marbuta mad-dominju u għalhekk ma tikkorrispondix mas-sens veru tal-Knisja, ta' l-għaqda fl-imħabba ma' Kristu. Din hija interpretazzjoni żbaljata, li għandha l-bidu tagħha fl-abbużi li saru fl-istorja, iżda ma tikkorrispondix għall-veru sinifikat ta' ġerarkija.

Xi tfisser il-kelma "ġerarkija"? B'mod ġeneriku jingħad li tfisser *"sacro dominio"*, setgħa qaddisa. Iżda t-tifsira vera m'hijiex din; hija *"sacra origine"*, oriġni qaddis. Fi kliem ieħor din l-awtorità m'hix ġejja mill-bniedem innifsu, imma għandha l-bidu tagħha fis-sagru, fis-sagrament; tpoġġi l-persuna taħt il-qawwa tal-vokazzjoni, taħt il-qawwa tal-ministeru ta' Kristu; tagħmel mill-individwu qaddej ta' Kristu, u biss jekk ikun qaddej ta' Kristu dan jista' jiggverna, imexxi l-erwieħ bi Kristu u ma' Kristu. Għalhekk għal min iħaddan l-Ordni Sagri l-"ġerarkija" m'hix awtorità assoluta, iżda li jidħol f'relazzjoni ġdida ta' ubbidjenza ma' Kristu: hu marbut miegħu f'għaqda mal-membri l-oħra ta' l-Ordni Sagri, tas-saċerdozju. Imqar il-Papa, li hu l-mudell tar-ragħajja l-oħra kollha u ta' l-għaqda fil-Knisja, ma jistax jagħmel li jrid; għall-kuntrarju l-Papa huwa dak li jħares l-ubbidjenza lejn Kristu, għall-kelma tiegħu kif insibuha fil-Kredu tal-Knisja, u hu minn ta' quddiem fl-ubbidjenza lejn Kristu u lejn il-Knisja.

Ġerarkija tħaddan tliet rabtiet ta' komunjoni: l-ewwel nett dik ma' Kristu u mal-kmand li ta l-Mulej lill-Knisja tiegħu; it-

tieni, ir-rabta mar-ragħajja l-oħra fl-unika għaqda tal-Knisja; u t-tielet, ir-rabta mal-fidili fdati lil kull wieħed, skond l-ordni fil-Knisja. Dan ifisser li komunjoni u ġerarkija m'humiex waħda kontra l-oħra, iżda jikkundizzjonaw lil xulxin. Flimkien huma ħaġa waħda (komunjoni ġerarkika). Ir-ragħaj hu dak li hu meta jrieġi u jieħu ħsieb il-merħla tiegħu, u ma jħallix li tixtered.

**Is-saċerdot u t-treġija**

Il-funzjoni ta' treġija tas-saċerdot ma tinftehimx jekk mhux b'viżjoni sopranaturali ċara u espliċita. Dan ir-rwol, sostnut mill-imħabba vera għas-salvazzjoni ta' kull fidil, huwa partikolarment prezzjuż u meħtieġ ukoll fi żmienna. Jekk l-għan ewlieni hu li titwassal il-Bxara t-Tajba, allura dan ir-rwol ta' treġija huwa veru servizz li dak li jkun jgħixu fl-għotja totali biex il-merħla tinbena fil-verità u l-qdusija, u jfakkar li min hu l-akbar għandu jġib ruħu bħala l-iżgħar wieħed, u min irieġi bħala dak li jaqdi (ara *Lumen Gentium*, 27).

Mnejn jista' s-saċerdot jieħu l-qawwa biex iwettaq dan is-servizz fil-ministeru tiegħu, bil-fedeltà sħiħa għal Kristu u għall-Knisja u b'għotja totali għall-merħla tiegħu? Tweġiba waħda hemm: fi Kristu Ġesù. Ġesù ma kienx jiggverna billi jimponi lilu nnifsu, iżda kien jaqdi b'umiltà u bi mħabba bħal fil-ħasil tar-riġlejn, u r-regalità ta' Kristu fuq l-univers ma kenitx it-trijonf tiegħu fuq id-dinja, iżda ssib il-milja tagħha fuq l-għuda tas-Salib, li saret ġudizzju tad-dinja u mudell ta' kif għandha tiġi mwettqa l-awtorità bħala espressjoni ta' l-imħabba pastorali.

**Il-qaddisin, mudelli tas-saċerdot**

Il-qaddisin, fosthom San Ġwann Marija Vianney, wettqu bi mħabba u b'impenn dan ir-rwol li jieħdu ħsieb dik il-parti mill-poplu ta' Alla fdata f'idejhom. Kienu bnedmin qawwijin u determinati, u l-uniku għan tagħhom kien li jfittxu l-veru ġid tar-ruħ, sa waslu biex ħallsu b'ħajjithom, bil-martirju, sabiex jibqgħu fidili għall-verità u l-ġustizzja tal-Vanġelu. Hekk kitbilna San Pietru: "Irgħu l-merħla ta' Alla fdata f'idejkom. Ħudu ħsiebha, mhux bilfors, imma minn qalbkom, [...], billi tkunu eżempju tal-merħla" (1 Piet 5:2). Jeħtieġ li aħna s-saċerdoti ma nibżgħux iwwasslu għand Kristu lil kull wieħed minn ħutna li Hu fdalna; żgur li kull kelma u kull imġiba tagħna, jekk ġejjin mill-ubbidjenza għar-rieda ta' Alla, jagħtu l-frott. Jeħtieġ napprezzaw dak li hu tajjeb u nagħrfu l-limiti tal-kultura li aħna ngħixu fiha, żguri li t-tħabbira tal-Vanġelu hija l-akbar servizz li nistgħu nagħtu lill-bniedem. M'hemmx ġid akbar minn dan fuq l-art: li wwasslu lill-bniedem lejn Alla, insaħħu mill-ġdid il-fidi, inqajmu l-bniedem mill-għażż u d-disperazzjoni, nagħtu t-tama li Alla hu qrib u li jmexxi l-istorja personali u tad-dinja. Din hi l-immaġni li fdalna f'idejna l-Mulej. Jeħtieġ nifformaw lil Kristu fil-qalb ta' dawk li jemmnu, permezz tal-proċess tal-qdusija li hu l-konverżjoni ta' l-għażliet tagħna, ta' l-iskala tal-valuri, ta' l-atteġġjamenti tagħna, sabiex inħallu lil Kristu jgħix f'kull fidil. Hekk jgħid fil-qosor San Pawl fuq il-ħidma pastorali tiegħu: "Uliedi, għal darb'oħra qiegħed inħoss l-uġigħ tal-ħlas sakemm Kristu jissawwar fikom" (Gal 4:19).

Għeżież qarrejja, nitlobkom titolbu għall-Papa Benedittu XVI, suċċessur ta' Pietru, li għandu r-responsabbiltà kbira li jmexxi l-Knisja ta' Kristu u jieħu ħsieb l-għaqda tagħha; għall-Isqof tagħna Mario, li għandu l-kura tagħna lkoll, membri tad-djoċesi Għawdxija; għalina s-saċerdoti u b'mod partikolari għalija; ħalli naqdu l-ministeru tagħna għall-ġid tagħkom. Nitlobkom titolbu ħalli nkunu kapaċi nieħdu ħsieb il-merħla fdata f'idejna, anki lil dawk li tbiegħdu mill-Knisja u minn Alla.

Nirrangrazzjakom minn qiegħ qalbi u nitlob għalikom ilkoll. Il-Mulej iberikkom.

## Il-25 Anniversarju ta' l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju

jikteb Anton Galea, segretarju

L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għawdex-Malta qed tfakkar il-ħamsa u għoxrin anniversarju mit-twelid tagħha. Kien sewwa sew l-4 ta' Ottubru 1985 meta l-fundatur tagħha, Joseph Galea, mill-Belt Victoria u iben il-parroċċa ta' San Ġorġ, għaqqad l-ewwel soċji u flimkien ma' Ġorġ Borg, minn San Lawrenz, u l-kappillan Dun Mikiel Borg, taw bidu għall-ħidma ta' din l-Għaqda, li l-iskop prinċipali tagħha hu li tferrex fost il-poplu tal-gżejjer tagħna l-imħabba lejn il-presepju fil-ġranet sbieħ tal-Milied.



Dun Mikiel Borg, dak in-nhar kappillan ta' San Lawrenz, flimkien ma' George Borg u Joseph Galea, żewġ membri fundaturi ta' l-Għaqda u t-tnejn mill-parroċċa tagħna, f'wieħed mill-ewwel konvenji fuq il-presepju li attendiet għalihom l-Għaqda.

Il-lum l-Għaqda għandha l-lokal tagħha, mogħti lilha mill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi, li jinsab fis-sotterran tal-Palazz ta' l-Isqof fi Triq ir-Repubblika. Hawnhekk jinżammu l-laqgħat, isiru taħdidiet, dimostrazzjonijiet u tagħlim fuq is-sengħa fil-bini tal-presepju u fl-artiġġjanat ta' pasturi tat-tafal. Hawnhekk ukoll tinsab il-Wirja Permanenti tal-Presepji, l-ewwel waħda tat-tip tagħha fil-gżejjer Maltin.

Matul Diċembru norganizzaw il-Wirja tal-Presepji fis-swali tal-Ministeru għal Għawdex. Fix-xahar ta' qabel isir seminar fuq il-presepju b'kelliema Għawdxin u Maltin. Inżuru parroċċi differenti biex inkomplu nippropagaw il-Grotta ta' Betlehem.

Għandna wkoll il-ktieb *The Story of Cribs and Pasturi in the Maltese islands*, stampat bi tliet lingwi u mżewwaq b'għadd ta' ritratti bil-kulur. Kull staġun l-Għaqda toħroġ il-fuljett *Ħbieb il-Presepju* u jitqassam b'xejn lill-membri.

Kull sena membri ta' l-Għaqda jsiefru biex jattendu għal laqgħat u konferenzi internazzjonali li jsiru fuq il-presepju. L-Għaqda tagħna tifforma parti mill-Għaqda Dinjija tal-Presepju, l-*Universalis Fœderatio Præsepistica*. Għaldaqstant ġie mogħti lilha d-dritt li tirrappreżenta lill-gżejjer Maltin f'dawn l-istediniet li jsirulha matul is-sena.

Nistednuk tiġi tara l-Wirja ta' Presepji fil-Ministeru għal Għawdex u li żżur iċ-ċentru tagħna fi Triq ir-Repubblika, Victoria, kull sena fil-ġranet tal-Milied.

# TISLIMA LIL MISSIER GĦAŻIŻ LI ĦALLIENA

## *Wara l-mewt ta' l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi f'Novembru 2010*

Il-qniepen tal-Bażilika Ġorġjana kienu minn ta' quddiem fil-gżira li bit-tokki kiebja imma daqshekk ieħor solenni tagħhom ħabbru lill-poplu ta' Alla l-mewt ta' l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, isqof emeritu ta' Għawdex u fundatur tal-Kolleġġjata Ġorġjana tal-Belt Victoria, kmieni fil-għodu t-Tnejn 15 ta' Novembru 2010, tifkira liturġika ta' San Albertu l-Kbir. Anki s-sît elettroniku tal-Bażilika, www.stgeorge.org.mt, kien l-ewwel wieħed li xandar l-aħbar ta' din it-telfa ta' niket.

L-Isqof Cauchi miet fl-età ta' 81 sena, wara numru ta' jiem rikoverat fl-Isptar *Mater Dei*, fejn kienu żaruh bosta saċerdoti, fosthom membri tal-kleru tal-parroċċa tagħna. Wara li fl-2006 ir-riżenja tiegħu minn ragħaj tad-djoċesi Għawdxija, wara kważi erbgħin sena ta' servizz fl-episkopat, kienet ġiet aċċettata minn Ruma, hu baqa' attiv fil-ħajja tal-Knisja, speċjalment bis-sehem tiegħu fil-liturġija u x-xandir ta' kitbiet u programmi radjufoniċi, sakemm saħħtu baqgħet tagħtih, jiġifieri sa ftit ġimgħat qabel ħalliena. Hu sfrutta kull talent u okkażjoni li silfu l-Mulej biex, dejjem bit-tbissima fuq wiċċu u kelma tajba fuq fommu, jgħallem u jagħmel il-ġid. Il-funeral solenni tiegħu nżamm nhar l-Erbgħa 17 ta' Novembru 2010, fil-Katidral ta' Għawdex, fejn jinsab midfun fil-Kappella tar-Relikwi Mqaddsa. Qabel kien ittieħed ukoll fil-knisja parrokkjali ta' raħal twelidu, l-Għarb, kif ukoll fil-Kurja Veskovili ta' Għawdex hawn fir-Rabat, għall-qima tal-fidili li ġew bil-gzuz jagħtuh l-aħħar tislima. Sadanittant, talba uffiċjali tal-Kapitlu Ġorġjan biex, kif kien mixtieq, il-fdalijiet tiegħu jinġabu fil-Bażilika Urbana qabel jittieħed lejn il-Katidral ta' l-Assunta, sfortunatament ma ġietx aċċettata.

Fil-persuna ta' l-Isqof Cauchi l-parroċċa ta' San Ġorġ tilfet missier għażiż, li tul l-episkopat tiegħu wera għożża partikulari lejn uliedha u fittex li jsaħħaħ ir-rabta paterna tiegħu magħha. Minkejja li fl-ewwel snin tiegħu bħala amministratur appostoliku u isqof djoċesan f'beltna kienet għaddejja kwistjoni parrokkjali taħraq, fejn qalb xi Nsara nħoloq ukoll ċertu antagoniżmu fil-konfront tiegħu li weġġgħu mhux ftit, kien l-Isqof Cauchi nnifsu li fehem il-polz u l-ħsus tal-poplu u ħabrek għal soluzzjoni ġusta, minkejja l-inġurji personali li sofra, anki jekk l-intenzjonijiet tiegħu kienu ċertament ġenwini u misjuqa dejjem mill-karità pastorali. L-istorja li l-lum trid tagħmel ġustizzja lill-verità sħiħa ma tistax tieqaf u tiġġudika r-rabta tal-parroċċa ta' San Ġorġ ma' l-Isqof Cauchi skond il-ġrajjiet imqallba ta' bejn l-1968 u l-1975 biss. Anzi, dak li seħħ f'dak il-perjodu u fis-snin ta' wara jitfa' l-veru dawl fuq x'fisser għalih San Ġorġ u x'fisser għal San Ġorġ l-Isqof Cauchi.

Bħal fellus li jixxennaq għas-sħana tal-qroqqa, il-komunità Ġorġjana xorbot mit-tagħlim mimli għerf ta' l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi, mill-ħeġġa tiegħu għat-twettiq tar-riformi post-Konċiljari, mill-entużjażmu tiegħu għal tiġdid fl-istrutturi tad-djoċesi u tal-parroċċi tagħha fi sforz veru għat-tqarrib tal-lajċi lejn il-Knisja u l-missjoni tagħna ta' appostolat fid-dinja, waqt li gawdiet tant mid-dehen fl-għażla tiegħu ta' tliet arċiprieti konsekuttivi mill-aqwa fit-tmun ta' l-eqdem parroċċa tal-gżira. Imma żgur li l-akbar rabta ta' l-Isqof Cauchi ma' San Ġorġ kien hu stess li ssiġillaha bit-twaqqif tal-Kolleġġjata Lateranensi bid-digriet *Etsi Deus* ippromulgat minnu fit-8 ta' Diċembru 1975. Mhux biss din kienet l-unika kolleġġjata li hu waqqaf, kif issa seta' jagħmel l-isqof djoċesan bid-dritt li kienu jagħtuh id-dispożizzjonijiet ġodda tal-Konċilju Vatikan II, imma hu żied jinseġ ismu ma' tagħha billi rabat lilu nnifsu u lil kull ordinarju djoċesan suċċessur tiegħu li jkun *ex officio* id-dekan u l-ewwel dinjità tal-Kapitlu l-ġdid. Iċ-ċerimonja tal-pussess ta' l-ewwel kanonċi saret nhar l-10 ta' Lulju 1976, wara li hu kien diġà ħatar lil Mons. Emanuel Mercieca bħala arċipriet.

L-oqsma ta' studju tat-Teoloġija li minnhom kien ġej l-Isqof Cauchi, ordnat saċerdot fl-1952, kienu l-Filosofija u


1

x-Xjenzi Soċjali; minkejja dan hu kien student brillanti u mgħallem interessat f'kollox. Għalih it-teżor ta' għerf li, flimkien ma' l-Iskrittura Mqaddsa, kellha l-Knisja fit-Tradizzjoni tagħha kien wirt imprezzabbli li ried ifittex elf mod kif jgħaddih lill-Insara fdati f'idejh bil-kelma sempliċi u li tinftiehem. Ta' studjuż li kien, bniedem tal-kotba u tal-qari, l-Isqof Cauchi ma sabhiex bi tqila jikteb żewġ ittri pastorali fuq San Ġorġ fl-okkażjoni taż-żewġ ċentinarji ta' l-1984 u l-2003, barra ċ-ċirkularijiet fis-snin sittin meta ħarġet ix-xniegħa malizzjuża li San Ġorġ ma kienx qaddis. Il-priedki tiegħu fil-bażilika tagħna, speċjalment waqt il-liturġiji solenni f'Jum San Ġorġ, huma ġabra ta' katekeżi għanja fuq il-Patrun ta' Għawdex li hu wkoll ħabb tant.

Il-parroċċa ta' San Ġorġ baqgħet dejjem tgħożż il-persuna umli u ħelwa ta' Mons. Nikol Ġ. Cauchi, is-saċerdot sempliċi mill-ibgħad punent tal-gżira, il-kappillan imħeġġeġ tat-Triq ta' l-Għajn u l-isqof għaref li refa' lid-djoċesi miż-żminijiet qodma quddiem l-isfidi ta' oħrajn ġodda. Ma tintesiex il-preżenza pożittiva tiegħu fil-pontifikali li ppresieda fostna, fil-konferenzi li ta u s-seminars parrokkjali li mexxa, fl-inawgurazzjonijiet ta' wirjiet u t-tberik ta' restawri artistiċi, fil-kunċerti u l-akkademji mużiko-letterarji, u fit-tberik ta' proġetti kbar bħal dak taċ-ċentru parrokkjali u d-dar tal-kleru, tal-kappella neo-Biżantina u tal-*Porta Salutis*. Ma nkunux niżbaljaw jekk ngħidu li anki din il-pubblikazzjoni bimensili, *Il-Belt Victoria*, maħruġa l-ewwel darba fl-1981, hi prodott ta' l-inkuraġġiment tiegħu favur inizjattivi konkreti biex il-Knisja lokali tinqeda bil-kelma


Djoċesi ta' Għawdex

Bullettin

Solennita' Ċentinarja tal-Martirju ta' San Ġorġ Martri - Sena 8 - Il-35 Sena (1793) - 20 ta' Lulju, 2003

SAN ĠORĠ MARTRI:
IL-ĠAWHRA PREZZJUŻA TA' KRISTU RXUXTAT

* Is-Sena 303 tibqa' mfakkra bħala s-Sena ta' Persekuzzjonijiet kbar li Deoklezjanu, mgħawwi minn Galerju, wettaq kontra d-dixxipli ta' Kristu.
* Tibqa' tiġi mfakkra wkoll bħala s-sena li fiha, eżattament fit-23 ta' April, ġie mogħti l-martirju ĠORĠI TA' LYDDA, żagħżugħ, li fiż-żmien sabiħ ta' żogħżitu ta xhieda b'demmu u b'ħajtu għal Kristu.

SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI
PROTETTUR TAL-GŻIRA GĦAWDXIJA U PATRUN TA' BELTNA
bena ħajtu fuq il-kelmiet ta' Ġesu':
"Min irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu jerfa' salibu u jimxi warajja!"

JIĊĦAD LILU NNIFSU:
* neża' minn fuqu l-unuri kollha ta' Tribun fl-Eżerċitu Ruman
* qassam ġidu kollu lill-foqra
* ta l-ħelsien lill-ilsiera tal-palazz tiegħu

JERFA' SALIBU:
* mar kontra l-kurrent ta' żmienu
* ħa l-martirju mill-aqwa
* bata bħalma bata s-Sid tiegħu, l-Imgħallem Divin

JIMXI WARAJJA:
* ħabb is-salib u tgħannaq miegħu
* mexa fuq il-passi ta' Ġesu'
* ... ta ħajtu fost l-eqqel turmenti

2



3


4


5


6


7


8



9

**1** Ritratt fis-sagristija mal-kapitlu u l-kleru Ġorġjan wara li ppresieda għall-aħħar darba l-liturġija solenni fil-Bażilika bħala Dekan tal-Kolleġġjata, fl-1 ta' Jannar 2006.
**2** Il-bulettin djoċesan speċjali tat-tielet Ħadd ta' Lulju ta' l-2003 li sar b'ordni tiegħu għaċ-Ċentinarju Ġorġjan.
**3** Jamministra s-sagrament tal-Konfirmazzjoni fi Pjazza San Ġorġ, fit-13 ta' Lulju 1976.
**4** Ibierek l-uffiċċju parrokkjali l-ġdid bħala parti mill-proġett ta' l-estensjoni taċ-ċentru parrokkjali, fis-27 ta' Diċembru 2000.
**5** Jilqa' għat-tieni darba f'Għawdex mill-Bażilika ta' San Giorgio al Velabro f'Ruma r-relikwa insinji ta' San Ġorġ, fil-15 ta' Lulju 2003.
**6** Ibierek il-bieb monumentali tal-bronż tal-Bażilika waqt velja solenni fi Pjazza San Ġorġ, fit-13 ta' Lulju 2004.
**7** Waqt ċerimonja ta' l-*Acies* tal-Leġjun ta' Marija fil-Bażilika ta' San Ġorġ.
**8** Jisma' diskors tas-Segretarju tas-Soċjetà Joseph Borg, waqt żjara lill-Każin *La Stella*, fil-preżenza ta' l-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca u Mons. Salv Borg u tal-President tas-Soċjetà Dr Joseph Ellis, fis-snin disgħin.
**9** Il-kartellun imwaħħal mal-faċċata tal-Każin *La Stella* b'tislima lill-Isqof Cauchi nhar il-funeral tiegħu, 17 ta' Novembru 2010.
**10** Ittra ta' apprezzament miktuba mill-Isqof Cauchi lill-Arċipriet u l-komunità Ġorġjana tal-Belt Victoria, wara li ntemmet il-kwistjoni tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'Marzu 2005.

stampata ħa tgħallem u twassal il-Kelma ta' Kristu. Mons. Cauchi kellu post speċjali f'qalbu għall-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali u għall-ġurnaliżmu Kattoliku. Ma setax ma ferаħx meta f'Lulju 2000 ġie mistieden jinawgura l-istudjows ġodda tar-radju tal-parroċċa *Leħen il-Belt Victoria*, fejn ħa sehem ukoll f'numru ta' sensiliet.

F'Mejju 2007 il-Bażilika ta' San Ġorġ organizzat l-ewwel konferenza f'ġieħ l-Isqof Cauchi; dak in-nhar ġie minn Ruma Mons. Giuseppe Liberto, direttur tal-Kappella Mużikali Pontifiċja Sistina, li tkellem fuq is-sbuħija tal-mużika sagra fil-Liturġija Kattolika, suġġett għal qalb ħafna ta' l-Isqof. L-għożża tagħna għall-persuna ta' l-Isqof Cauchi ma ntfietx ma' dak in-nhar li, wara t-tensjoni li nqalgħet minħabba l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fl-2005, hu bagħat jirringrazzja minn qalbu lill-komunità Ġorġjana talli "ipprovajtu dejjem tifhmu l-ansjetà u d-dwejjaq tiegħi u għamiltu ħilitkom biex tagħtu sinjali ċari ta' mħabba filjali lejja"; lanqas sfumat ma' l-aħħar funzjoni tiegħu f'San Ġorġ. L-imħabba lejn missier ma tmutx malajr, meta dak il-missier "bil-qawwa u bil-ħlewwa" – kif jixhed il-motto ta' l-episkopat ta' l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi – ikun wera lil uliedu b'liema premura jixtieq tassew il-ġid tagħhom.

***Il-Kumitat Storiku-Kulturali tal-Bażilika iktar tard fl-2011 għandu l-ħsieb jippubblika ktejjeb ta' tifkira f'ġieħ l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi.***

**Ħajr għar-Ritratti:** Arkivji Bażilika San Ġorġ, Assoċjazzjoni Maltija ta' l-Ordni ta' San Ġwann, Dun Fabio Attard SDB, Familja Cauchi (l-Għarb), Pauline Grech, Joseph J.P. Zammit.


DIOCESE OF GOZO
BISHOP'S CURIA
P.O. BOX 1,
Victoria, VCT 101, Gozo
Malta.
Tel: 21556661, 21556427, 21551211
Fax: +356 21551278

21 ta' Marzu 2005

Rev.mo Mons Guzeppi Farrugia STD,
Arcipriet ta' San Gorg,
Ufficcju Parrokkjali,
Victoria,
Gozo.

Ghaziz Arcipriet,

Nilqa' bi pjacir kbir, ir-risposta li twasslitli kmieni dalghodu, li wara insistenza personali tieghi intom accettajtu proposta ta' soluzzjoni mressqa minni. Dan sar b'sens ta' maturita`, li jaghmel gieh l-komunita' nisranija.

Jiena napprezza li f'dawn l-ahhar granet kemm ilha ghaddejja l-medjazzjoni, intom ipprovajtu dejjem tifhmu l-ansjeta` u d-dwejjaq tieghi u ghamiltu hilitkom kollha biex tatu sinjali cari ta' mhabba filjali lejja.

Fl-ahharnett minn qalbi nirringrazzja lilek, il-komunita` tieghek, kif ukoll il-medjaturi, li b'kollaborazzjoni flimkien irnexxielkom, taqtghu x-xewqa tieghi.

Nitlob fuqkom il-Barka t'Alla.

Tieghek fi Kristu,

+ Nikol G Cauchi

+ Nikol G. Cauchi
Isqof t'Ghawdex

10

# L-Isqof Cauchi u jien...

## Reminexxenzi ta' relazzjoni pożittiva ma' persunaġġ pożittiv

Antoine Vassallo



Ma naħsibx li għandi bżonn nimxi pass pass ma' ħajjet Monsinjur Cauchi; dawn id-dettalji qegħdin fil-bijografiji. Nimmaġina li ninteressakom iktar jekk nirreferi għal xi ċirkustanzi partikulari li jibqgħu f'moħħi.

Anki jekk l-Isqof Cauchi kien jaf sew lil missieri (minħabba, fost affarijiet oħra, il-Kunsill Ċiviku), bażikament il-kuntatti miegħu bdejthom minħabba li kont diriġent fl-Azzjoni Kattolika. Dan wassal, b'mod pjuttost naturali, għal involviment f'attivitajiet ta' natura djoċesana, fosthom *rallies* kull ftit xhur li kienu jservu bħala speċi ta' parlament għall-Insara attivi. Din il-ħidma tiegħi żdiedet qatigħ meta sirt membru fil-Kunsill Djoċesan għall-Appostolat tal-Lajċi. F'laqgħat ta' darba fix-xahar – u iktar ukoll – konna niddiskutu firxa ta' punti pastorali u soċjali, ħafna drabi mqajma minnu stess; u kien jagħmel ħiltu biex ma jitlef l-ebda waħda. Speċjalment fost dan in-numru ristrett ta' preżenti, ma kien jiddarras xejn li tlumu jew targumenta miegħu: ma kellux dik ir-rabta mas-siġġu tal-poter li tbeżżgħu jidher "dgħajjef"!

Matulhom konna anki nibnu ħidmiet, inklużi ċelebrazzjonijiet għal kategoriji partikulari. Mill-KDAL ħarġu appuntamenti marbuta, ngħidu aħna, ma' l-inċidenti tat-traffiku; konna wkoll nagħżlu dati qrib San Mikiel u San Ġużepp biex insejħu l-irġiel ħalli jkollhom l-opportunità li jisimgħu l-messaġġ tiegħu; "esperimentajna" b'suċċess anki żjajjar fil-każini. Fil-KDAL ukoll żviluppat l-idea li jiġu organizzati attivitajiet speċifiċi għall-professjonisti, peress li l-Isqof kien iħoss li bosta minnhom kienu qed jaqtgħu l-kuntatt attiv mal-Knisja. U ntgħażilna tnejn biex nippruvaw f'dan l-"esperiment": ftit wara li ħa r-responsabbiltà tad-djoċesi, l-Isqof Mario Grech ħatar lill-Isqof Nikol bħala "delegat" għal dan il-qasam. U allura żdieduli l-okkażjonijiet li fihom iltqajna biex nippjanaw din il-ħidma. Anki hawn wera li x-xogħol ma jbeżżgħux: kien saħansitra joqgħod iħejji l-iskeda ta' suġġetti għall-omeliji tal-Quddiesa ta' l-ewwel Ġimgħa tax-xahar li ssir għalihom! Meta ra li kumitat separat għal ħidma fost l-għalliema tmermer – li wkoll kien twieled minn moħħu u kont involut fih jien ukoll – daħħalhom mal-kategoriji l-oħra ta' professjonisti. Ftit ġimgħat qabel mewtu semmejna diversi ideat li Mons. Cauchi xtaq niżviluppaw.

Semmejt ir-*rallies*: darba ngħatali l-inkarigu li mmexxi diskussjoni. Deherli li punt mill-materjal preparatorju ma kienx korrett, u dan għidtu. Dawk preżenti ma qablux ma' l-idea tiegħi u komplejna. Iktar tard qalli li semagħni (ma kienx fis-sala); ikkonferma li kelli raġun u sa jikkoreġi d-dokument. Lili laqtitni, għax rajt fil-prattika eżempju ta' l-umiltà tiegħu: l-oriġinal kien għadda minn idu! Hekk jew hekk, diversi drabi dawn l-okkażjonijiet wasslu biex nagħmel ħin sostanzjali miegħu għat-tħejjija jew l-analiżi ta' dak li tqajjem. Ġie wkoll li qalli: "Tieħu l-affarijiet bis-serjetà; allura għandi dan l-inkarigu". Biex ma niksirx kunfidenzjalitajiet, b'eżempju nsemmi biss involviment fi żjarat minn prelati.

Għalkemm kellu prinċipju li ma għandniex nibdlu biex sempliċiment inkunu bdilna, dejjem kien miftuħ għat-tiġdid, wara li jkun fehem il-possibbiltajiet lejn titjib. Waħda minn dawn kienet ir-riforma tal-manifestazzjoni ta' Kristu Re li, fil-forma kurrenti ta' ftit ħin bil-wieqfa fi Pjazza Santu Wistin, kienet naqset sew fil-parteċipazzjoni. Jien ipproponejt li nippruvaw fil-Kumpless Sportiv, fejn in-nies tkun tista' toqgħod komda, u allura jkun possibbli norganizzaw xi ħaġa aħjar. Kif jiftakru bosta mill-qarrejja din ir-riforma ntlaqgħet, saħansitra aħjar milli immaġinajna!

Min-naħa l-oħra l-prudenza kienet twasslu biex "jaħseb il-ħażin ħalli t-tajjeb ma jonqosx", kif jgħid il-qawl. Għal kull tip ta' attività fil-beraħ kien jesiġi li jkollna diġà f'moħħna alternattiva jekk it-temp ma jippermettix ("*wet weather programme*", kif kien iħobb jirrepeti b'nofs tbissima).

Dan il-mod kif jittratta ma' dak li jkun, pubblikament u privatament, issemma minn bosta fit-tifħir wara mewtu, u naħseb impressjona lil kull min iltaqa' miegħu. L-umoriżmu u l-*body language* – minn għajnejh "jidħku" sal-kumplament ta' wiċċu u persuntu – kienu arma qawwija kif jirbaħ lil dak li jkun, anki jekk dan ikollu xi sens ta' animożità. Naf b'esperjenza tiegħi stess kemm

irnexxielu jnaqqas it-temperatura ta' sitwazzjonijiet "sħan" u ppermetta li terġa' tinbena r-rieda tajba.

Kmieni fl-episkopat tiegħu dehru sensiela ta' artikli kritiċi – u bla isem – dwaru fl-ikbar gazzetta lokali bl-Ingliż; polemika li tkompliet fil-paġni ta' l-ittri. Deherli li kelli nikteb jien ukoll, iktar milli għax l-Isqof, minħabba li t-ton ħassejtu bla rispett u l-kontenut ingust. Fi tweġiba anonima oħra (dak iż-żmien din il-gazzetta kienet għadha taċċetta kontribuzzjonijiet bla firma), taparsi minn individwu differenti li ddeskriva ruħu bħala "mhux minn Għawdex", sar attentat biex jitwaqqa' l-argument tiegħi billi kien hemm lista ta' karigi tiegħi fid-djoċesi jew marbuta b'xi mod mal-Knisja, biex bħal speċi niġi skreditat għax ma kontx "newtrali". F'dawk il-ġranet kelli bżonn immur il-Kurja biex inkellmu fuq xi ħaġa oħra, u mill-ewwel qalli: "Nixtieqek ma tkomplix tirrispondi". Forsi għax fehem l-identità ta' l-awtur, kien jippreferi jsofri waħdu! Ovvjament obdejt.

Kull tip ta' suġġett kien jinteressah. Darba semmejtlu xi punti minn ktieb li kont għadni kemm akkwistajt fuq ir-relazzjoni tax-xjenza ma' l-idea ta' Alla. Ma ħallihiex tibqa' sejra; ried ikun jaf l-awtur. Meta għidtlu li kienet ditta li ma naħsibx li jaħdmu magħha Malta u allura m'hux faċli ssibu għand il-librara, rajtu diżappuntat. Tgħidx kemm apprezza x'ħin wegħidtu li nagħtihulu malli ntemmu, u baqa' għandu! Ġieli anki ddiskutejna dak li kien jikteb, u kien hemm każi fejn talabni niġborlu jew nippreparalu xi materjal.

Għalkemm ma kellux kilba għall-ġid materjali, qatt ma kkuntenta bl-għerf u t-tagħlim! Ftit qabel ma mar l-isptar semmieli li ma ħax gost li t-tabib jippreferih fis-sodda: "Ma nkunx nista' naqra". Għas-suġġeriment tiegħi ta' leġiju weġibni: "Meta naqra rrid li nkun nista' nimmarka u nikteb in-noti". U, bħal tant eluf, dan l-għerf bla preżunzjoni doqt minnu fl-omeliji, diskorsi u kitbiet tiegħu. Nittama li jaqbad ir-ritmu l-proġett li tingħabar il-produzzjoni kollha tiegħu.

Fil-parroċċa fhimna li dan l-aspett hu l-aqwa mod kif infakkruh... u nfaħħruh, anki bħala fundatur u dekan emeritu tal-kapitlu. Fil-fatt, meta rtira, kellna l-ħsieb ta' fundazzjoni f'ġieħu li torganizza konferenzi ta' livell. Minn għalija darba biss saret: kienet interessantissma, u lili esprimieli kemm apprezza l-ġest.

Ir-rabtiet ta' Mons. Cauchi ma' San Ġorġ kienu ilhom li bdew, sa minn qabel ma sar suċċessur ta' l-Isqof Pace. Kienu żminijiet imqallbin li setgħu jaqtgħu jies dak li jkun. Wera maturità lil hemm mill-età – u l-esperjenza – u sab soluzzjonijiet. Ma rridx ngħid li ma żelaq qatt; kif jgħidu, l-unika garanzija li ma tiżbaljax hi li ma tiddeċidix u ma tagħmel xejn! Jidhirli, iżda, li qatt ma ta l-impressjoni ta' intenzjonijiet ħżiena.

Forsi l-inqas li qbilna jien u hu kien fil-kwistjoni tal-proposta, minħabba s-Sena ta' l-Ewkaristija, li l-Purċissjoni tal-Passjoni noħorġuha l-Ġimgħa l-Kbira fil-għodu. Jien ikkritikajtu li ma ħax pożizzjoni ċara pubblika, anki jekk dan għamlu privatament, u wara spjegali x'wasslu għal dan l-aġir diffiċli! Kienet ta' sodisfazzjon ukoll l-ittra li fiha wera apprezzament li tajna kas ta' xewqtu. Inżid li xi żmien qabel ħass li kellu jiċċara quddiemi anki x'wasslu biex ma oġġezzjonax bil-miftuħ għad-deċiżjoni li tibda ssir waħda mill-Katidral.

Dawn ma kinux l-uniċi okkażjonijiet meta tkellimna fuq San Ġorġ. Ngħidu aħna, meta kien qed jaħseb għal suċċessur ta' Mons. Salv Borg bħala arċipriet, stedinni – ma nafx ma' kemm – biex kunfidenzjalment nagħmillu lista qasira raġunata ta' saċerdoti adatti. Iktar tard talabni nagħmel kuntatti biex il-*Chorus Urbanus* jaċċettaw li jerġgħu jibdew jagħtu servizz regolari fil-bażilika, u esprimieli diżappunt li, lanqas bis-sehem ta' persuni oħra matul bosta ġimgħat, ma rnexxielna. U mhux darba u tnejn iddiskutejna fuq kif tista' tiġi kkordinata u msaħħa l-ħidma pastorali fir-Rabat.

Nagħlaq b'żewġ punti oħra. Ma naħsibx li għalih kienet xi data memorabbli, iżda jien niftakru sew l-appuntament li tani biex mort l-uffiċċju tiegħu l-Kurja ħalli nagħmillu intervista għal fuq *Leħen il-Belt Victoria* fl-okkażjoni tal-ġublew tiegħu. U nsemmi l-interess li wera fil-*Fondazzjoni Belt Victoria* u fil-Mużew; qalli: "Tistagħġibx bl-intoppi; sinjal li sa joħroġ il-ġid!".



Fit-tberik ta' l-istudjows ġodda ta' l-istazzjon tar-radju komunitarju *Leħen il-Belt Victoria*, 9 ta' Lulju 2000.



Ibierek l-ewwel ġebla tad-dar parrokkjali, bħala parti mill-proġett taċ-Ċentru Parrokkjali għat-Tielet Millenju, fl-24 ta' Settembru 2000.

# Nikol Ġużeppi Cauchi: Ħajtu fil-qosor

## *b'xi riferenzi għar-rabta tiegħu mal-parroċċa ta' San Ġorġ*







| | |
|---|---|
| 2 ta' Marzu 1929 | Twieled fl-Għarb, bin Ġużeppi Cauchi u Ġużeppina Portelli. |
| 1948-1951 | Studja l-Filosofija u t-Teoloġija fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex. |
| 29 ta' Marzu 1952 | Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace fil-Katidral ta' Għawdex. |
| 1952-1956 | Issokta l-istudji tiegħu f'Ruma, fejn kiseb id-dottorat fil-Filosofija u l-liċenzjat fix-Xjenzi Soċjali, waqt li għamel ħidma pastorali ta' viċi-parroku f'Ladispoli. |
| 1956-1963 | Kien ir-raba' kappillan tal-parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, fil-Fontana. Fl-istess żmien għallem il-Filosofija, is-Soċjoloġija u t-Taljan fis-Seminarju ta' Għawdex. |
| 1958 | Waqqaf ma' oħrajn il-*Moviment Azzjoni Soċjali* ta' Għawdex, u sar l-ewwel president tiegħu. |
| 1960 | Waqqaf, flimkien mal-Kav. Koli Apap, l-*Għaqda Ġurnalisti Għawdxin*, li kien ukoll direttur spiritwali tagħha. |
| 1962-1967 | Kien assistent ekkleżjastiku ġenerali ta' l-Azzjoni Kattolika f'Għawdex kif ukoll viċi-president tal-Ġunta Djoċesana għall-kordinament ta' l-għaqdiet reliġjużi f'Għawdex. |
| 1963-1967 | Kien Prefett ta' l-Istudji fis-Seminarju ta' Għawdex. |
| 1965 | Sar l-ewwel konsulent fuq il-morali tal-Moviment Ta' Kana f'Għawdex. |
| 1965-1966 | Kien editur tal-ġurnal djoċesan *Għawdex*, li aktar tard bidlu għal rivista bl-isem *Il-Ħajja f'Għawdex*. |
| 24 ta' Frar 1967 | Ġie nnominat isqof awżiljarju *sede plena*. |
| 22 ta' Marzu 1967 | Inħatar amministratur appostoliku biex jgħin lill-Isqof Mons. Ġużeppi Pace fit-tmexxija tad-djoċesi Għawdxija. |
| 9 ta' April 1967 | Ġie kkonsagrat isqof mill-E.T. Mons. Martin O'Connor, Nunzju Appostoliku għal Malta, fil-Katidral ta' Għawdex, bit-titlu tas-sede titulari ta' Vico d'Augusto. |
| 10 ta' Marzu 1968 | Il-Kapitlu ta' l-Arċibażilika Papali tal-Lateran laqa' t-talba tiegħu għall-aggregazzjoni tal-Bażilika ta' San Ġorġ ma' l-istess Katidral ta' Ruma. |
| 20 ta' Lulju 1972 | Wara l-mewt ta' l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace, il-Papa Pawlu VI ħatru s-seba' isqof tad-djoċesi ta' Għawdex. |
| 10 ta' Settembru 1972 | Għamel l-ingress solenni tiegħu fil-Katidral ta' l-Assunta. |
| 14 ta' Awwissu 1975 | Ġab fi tmiemha l-kwistjoni parrokkjali fir-Rabat u kkonċieda t-twaqqif ta' Kolleġġjata Veskovili fil-Bażilika San Ġorġ. |
| 8 ta' Diċembru 1975 | Iffirma d-digriet *Etsi Deus* li bih waqqaf il-Kolleġġjata ta' San Ġorġ. |
| Lulju 1978 | Ippresieda l-festi tri-ċentinarji tal-bini tal-knisja protoparrokkjali ta' San Ġorġ f'forma ta' salib Latin u tal-kwadru titulari ta' Mattia Preti. |
| Lulju 1984 | Ippresieda l-festi tas-sbatax-il ċentinarju mit-twelid ta' San Ġorġ bis-sehem ta' żewġ kardinali, ħareġ ittra pastorali fuq il-qaddis u kien strumentali sabiex tinġab minn Ruma r-relikwa insinji ta' San Ġorġ meqjuma fil-Bażilika ta' San Giorgio al Velabro. |
| 26 ta' Mejju 1990 | Laqa' f'Għawdex lill-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II għal żjara appostolika. |
| 24 ta' Settembru 2000 | Bierek l-ewwel ġebla tad-dar parrokkjali, bħala parti mill-proġett taċ-Ċentru Parrokkjali għat-Tielet Millenju mniedi mill-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia. |
| April 2003 | Ordna li t-tifkira liturġika ta' San Ġorġ, il-Patrun ta' Għawdex, terġa' tiġi stabbilita bħala *festum* fil-kalendarju liturġiku tad-djoċesi Għawdxija. |
| Lulju 2003 | Ippresieda l-festi straordinarji li saru f'Għawdex f'għeluq is-sbatax-il ċentinarju mill-martirju ta' San Ġorġ, bis-sehem ta' tliet kardinali, flimkien ma' għadd kbir ta' isqfijiet u prelati, anki Ortodossi u Anglikani. Kien ukoll strumentali biex tinġab f'Għawdex għat-tieni darba mill-Bażilika ta' San Giorgio al Velabro f'Ruma r-relikwa insinji ta' San Ġorġ bil-konċessjoni ta' indulġenza plenarja. Ħareġ ukoll ittra pastorali oħra fuq San Ġorġ u ordna li jum San Ġorġ jiġi ċċelebrat bħala solennità djoċesana f'Għawdex. |
| 13 ta' Lulju 2004 | Bierek il-bieb monumentali tal-bronż, *Porta Salutis*, tal-Bażilika ta' San Ġorġ waqt velja solenni fi Pjazza San Ġorġ. |
| Diċembru 2005 | Ġie mżejjen bl-unur tax-Xirka "Ġieħ ir-Repubblika" mill-President ta' Malta l-E.T. Dr Edward Fenech Adami, kif ukoll b'"Ġieħ Għawdex" miċ-*Circolo Gozitano*, f'żewġ okkażjonijiet separati. |
| 15 ta' Jannar 2006 | Irtira uffiċjalment minn isqof ta' Għawdex. |
| 25 ta' Frar 2007 | Ġie ddekorat fil-Bażilika ta' San Ġorġ bħala Kappillan Konventwali *Gran Croce* ta' l-Ordni Sovran Militari ta' Malta. |
| 27 ta' Ottubru 2010 | Iddaħħal f'qagħda kritika għall-kura fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, u l-għada ttieħed fl-Isptar *Mater Dei*, Tal-Qroqq. |
| 15 ta' Novembru 2010 | Miet fl-Isptar *Mater Dei*. |
| 17 ta' Novembru 2010 | Sar il-funeral solenni tiegħu, immexxi mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, fil-Katidral ta' Għawdex, wara ġurnata ta' espożizzjoni fil-Kurja ta' l-Isqof. |

# Mill-Avvent lejn il-Milied ma' Madre Margerita

Dun Ġużepp Gauci







L-Avvent, skond il-ħsieb tal-Liturġija, huwa ż-żmien li fih niftakru, niċċelebraw u nġeddu fostna l-miġja tal-Mulej bi tħejjija għat-tifkira solenni tal-Milied. Huwa żmien li fih aħna l-Insara nqiegħdu ruħna bħala persuni li kollhom tama qed jistennew it-tieni miġja tal-Mulej biex jagħtihom il-premju dejjiemi tal-Ġenna. Huwa żmien, mela, li fih, flimkien ma' l-istess Liturġija fl-ewwel Ħadd ta' l-Avvent, nitolbu 'l Alla li jista' kollox biex isaħħilna r-rieda tagħna "li, bis-saħħa ta' għemejjel tajba, noħorġu niltaqgħu ma' Kristu Ibnek, li ġej, biex nissieħbu miegħu fil-leminija tiegħu".

Madre Margerita, li mill-kitbiet tagħha nindunaw b'mod ċar kemm kienet tgħix sewwa ż-żminijiet differenti tal-Liturġija, minkejja li fi żminijietha ma tantx kien hemm formazzjoni liturġika kif għandna l-lum wara l-Konċilju Vatikan II, kienet tagħraf eżattament dan l-iskop liturġiku ta' l-Avvent u kienet tagħmel minn kollox bil-kitbiet tagħha biex tgħin lis-sorijiet tagħha jgħixuh bl-aħjar mod possibbli.

Dak il-ħsieb interessanti u sempliċi tagħha miktub f'ittra lil Madre Pacifica fil-5 ta' Diċembru 1924 – "Issa li qegħdin fiż-żmien qaddis ta' l-Avvent infittxu li nagħmlu ħwejjeġ sbieħ għat-Tarbija Qaddisa, u llestu wkoll nar għall-maħbuba Omm Marija ħalli jkollha biex issaħħan lit-Tarbija li sa titwieled" – juri li Madre Margerita kienet tassew konxja li l-Milied li niċċelebraw kull sena jista' jkunilna tassew ta' għajnuna biex nitħejjew għat-tieni miġja tal-Mulej b'għemejjel tajba li fuqhom irid jiġġudikana. Fil-fatt, bħala riżultat ta' dan il-ħsieb ta' Madre Margerita, nibtet fil-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù d-drawwa tal-*"Corredini"*: li mit-28 ta' Novembru sa lejlet il-Milied, matul l-Avvent kollu, inebbħu għadd ta' għemejjel tajba li b'mod prattiku jwettqu x-xewqa tal-fundatriċi, li fl-aħħar mill-aħħar hi x-xewqa tal-Liturġija fi żmien l-Avvent.

F'ittri oħra li Madre Margerita kitbet matul l-Avvent u qrib il-Milied ta' snin diversi, kienet tisħaq fuq li "qrib il-benniena tat-Tarbija Re, fis-skiet, naduraw, irroddu ħajr u nħobbu", jew "inħallu lill-Imħabba titkellem", u wkoll "nitgħallmu l-faqar imqaddes, is-sempliċità u l-abbandun fil-ħarsien tal-Providenza divina", u fuq kollox "nitgħallmu nħobbu". Dawn ir-riflessjoni kollha ta' Madre Margerita, riflessjonijiet imnebbħin miċ-ċelebrazzjoni tal-Milied li lejh jimmira l-Avvent, huma l-aqwa għajnuna biex nagħmlu dawk l-għemejjel tajba li rridu nersqu bihom quddiem il-Mulej ta' l-eżerċti fil-laqgħa tagħna miegħu f'Jum il-Ħaqq.

Mela tajjeb li aħna u niċċelebraw żmien l-Avvent bi tħejjija għat-tifkira tal-Milied u bi tħejjija għal-laqgħa tagħna mal-Mulej fl-aħħar jum, nixorbu minn dan l-ispirtu qaddis tal-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita, biex bħalha ngħixu bl-aħjar mod dan iż-żmien liturġiku. Fil-parroċċa tagħna din is-sena bdejna żmien l-Avvent fil-jum tat-28 ta' Novembru billi ċċelebrajna laqgħa ta' talb bis-sagrifiċċju tal-Quddiesa, ħalli jekk hi r-rieda ta' Alla ma ndumux ma naraw il-proċess tal-beatifikazzjoni ta' Madre Margerita Dr Brincat jasal għat-tmiem pożittiv li nixtiequ. Fit-28 ta' Novembru 2010 fakkarna jum il-Magħmudija tal-Qaddejja ta' Alla, li saret fil-knisja parrokkjali tagħna f'dan il-jum ta' 148 sena ilu **(ara r-ritratti tax-xellug)**. Waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa li tmexxiet minn Dun Ġużepp Gauci, li ġie ddelegat mill-Isqof Djoċesan u mis-Superjura Ġenerali tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù biex jorganizza attivitajiet ta' din ix-xorta fil-parroċċi kollha ta' Għawdex, smajna fuq il-ħtieġa li nitolbu biex ikun hemm miraklu bl-interċessjoni ta' Madre Margerita ħalli dan il-jum mistenni ma jdumx ma jasal u jkollna l-ewwel beata Għawdxija. Nitolbu u nittamaw bil-ħeġġa.

**QUDDIESA** GĦAT-TFAL U L-ADOLEXXENTI
fil-Bażilika ta' San Ġorġ
*Kull nhar ta' Ħadd fl-10.00am*
Ġenituri u wliedhom, katekisti u komunità jiċċelebraw flimkien Jum il-Mulej b'differenza

# "The Earliest Church Register in Gozo: 1554-1628"

Horatio Caesar Roger Vella

**Nhar il-Ġimgħa 23 ta' Lulju 2010, fil-Ministeru għal Għawdex, bl-inizjattiva tal-Fondazzjoni *Wirt Għawdex*, ġie mniedi l-ktieb tal-Prof. Horatio Caeser Roger Vella *The Earliest Church Register in Gozo: 1554-1628*, li huwa studju fuq l-eqdem volum ta' reġistru parrokkjali f'Għawdex, u li fost l-oħrajn jagħti tagħrif mitqlu deheb fuq l-istorja tal-parroċċa ta' San Ġorġ. Stedinna lill-Professur Vella, li hu studjuż ta' l-ilsna Klassiċi u għalliem fid-Dipartiment tal-Klassiċi u l-Arkeoloġija fl-Università ta' Malta, ikellimna fuq din ir-riċerka tiegħu.**

L-interess ġenealoġiku li għandi wassalni biex għal bosta snin insir midħla ta' l-ewwel reġistru tal-Knisja ta' Għawdex li huwa miżmum fl-Arkivju tal-Kurja ta' l-Isqof ta' Għawdex. Dan l-ewwel reġistru jservi bħala lembut tal-popolazzjoni ta' Għawdex fis-sekli sittax u sbatax għaliex jagħtina l-bażi ta' dak li nsibu fiż-żewġ parroċċi bikrin ta' din il-gżira, jiġifieri l-Matriċi u San Ġorġ. L-użu frekwenti ta' dan ir-reġistru minni ispira lil Monsinjur Dr Joseph Bezzina sabiex jitlobni, bil-permess tal-mibki Isqof Nikol Ġ. Cauchi u, warajh, ta' l-Isqof Mario Grech, nittraskrivih fuq *compact disc* kif jidher fir-reġistru, u mhux kif jidher fil-ktieb tiegħi *The Earliest Church Register in Gozo: 1554-1628.* Biex jagħmel ix-xogħol tar-riċerkatur iktar faċli, f'dak is-*cd* kull informazzjoni hija mogħtija darbtejn. F'linja hemm eżatt dak li jidher fir-reġistru, bil-ftuħ ta' l-abbrevjazzjonijiet, u fil-linja ta' wara jidhru bl-Ingliż l-ismijiet u l-kunjomijiet miktuba b'mod standard. Dan ta' l-aħħar sar biex l-istatistika tkun tista' ssir aħjar u minħabba li l-istess kappillani ma kinux jaqblu ma' kif wieħed jispelli isem u kunjom, saħansitra ġieli anki tagħhom stess.[1]

Hemm ħafna materjal nieqes f'dan ir-reġistru. Dan ma jidhirx iktar propju għaliex xi paġni ntilfu, saħansitra ta' għaxar snin sħaħ, u oħrajn tqattgħu. Hemm, imbagħad, partijiet ta' snin oħra li ntilfu b'tali mod li l-informazzjoni li għandna m'hix kompluta. Fejn il-paġni m'humiex imqattgħa, wieħed sikwit jiltaqa' mal-problema taċ-ċarezza, kemm għaliex xi drabi l-kitba tkun miktuba rqiq, kemm għaliex tkun ftit magħluqa, kemm għaliex tkun abbrevjata, u, agħar minn dan kollu, għaliex il-kitba tkun iċċarat biż-żmien, bid-dawl, u bl-użu tas-swaba' ta' min kien idawwar il-paġni. Xi drabi biex taqra ittra jieħu diversi minuti, u bit-tbatija minħabba d-dawl, kemm għaliex ikun hemm ħafna dawl xi jtellef, kemm għaliex ikun hemm ftit dawl, u kemm għaliex ikun hemm bżonn li l-qari jsir minn angoli differenti.



Il-qoxra tal-ktieb ta' Vella
*The Earliest Church Register in Gozo: 1554-1628.*

B'xorti tajba mill-istess studju li għamilt fuq dan ir-reġistru u mill-informazzjoni ta' l-ewwel żwiġijiet irreġistrati fil-Matriċi, irnexxieli nimla bosta postijiet li fir-reġistru huma battala, battala kemm għax il-paġna tkun tqattgħet, kif għidna fuq, u kemm għaliex il-kappillan ma jkunx tana l-informazzjoni meħtieġa, bħalma huma l-ismijiet tal-ġenituri ta' min kien qed jiżżewweġ. Din l-informazzjoni jiena għidt minn fejn ġibtha u fit-traskrizzjoni li tidher fis-*cd*, li jiena ppreżentajt lill-Kurja ta' l-Isqof għall-użu ta' l-istudjużi, din l-informazzjoni hija spjegata fil-brakits ippuntati (< >). Xi drabi l-ismijiet ma jinftehmux jekk mhux minn min hu midħla tal-paleografija. Għalhekk, għal dik li hi traskrizzjoni fis-*cd*, jiena ftaħt l-abbrevjazzjonijiet fil-brakits kwadrati ([ ]). Meta l-informazzjoni ma tkunx mogħtija, ġew imdaħħla tliet tikkiet (...).

Ix-xogħol li qed jidher permezz ta' din il-pubblikazzjoni huwa wkoll traskrizzjoni ta' l-ewwel reġistru tal-Knisja f'Għawdex, imma bi studju fuqu. Huwa traskrizzjoni għaliex kull isem ta' min tgħammed, ħa l-Griżma ta' l-Isqof, iżżewweġ jew miet, u li tniżżel fir-reġistru, jinsab imniżżel f'dan il-ktieb b'mod li jinqara. Huwa studju għaliex jagħti evalwazzjoni tal-popolazzjoni kif toħroġ minn dan ir-reġistru, kif ukoll informazzjoni storika fuq l-individwi u l-kunjomijiet li jissemmew fih.

L-ismijiet oriġinali fir-reġistru, li huwa manuskritt, tniżżlu mill-1554 sa l-1628 minn kappillani kemm tal-knisja Matriċi u kemm tal-knisja ta' San Ġorġ. Nafu li dawn inkitbu minn kappillani differenti taż-żewġ parroċċi għaliex min kiteb fir-reġistru kien jiddikkjara ismu u kien jgħid ukoll li kien rettur, kurat jew kappillan ta' waħda jew l-oħra miż-żewġ knejjes. Dak iż-żmien "rettur" u "kurat" kienu jfissru "kappillan". Fil-fatt, fil-bidu tar-reġistru, Dun Nardu Decace, li nafu fiċ-ċert li kien kappillan tal-Matriċi, sejjaħ lilu nnifsu *"curato"* fil-magħmudija tas-27 ta' Settembru 1554 (f. 1). Il-kappillan ta' warajh, Dun Anton Attard, sejjaħ lilu nnifsu *"cappellano"* fil-magħmudija tal-31 ta' Diċembru 1573 (f. 42), kif għamel Dun Anġlu Modlun bħala kappillan ta' San Ġorġ fl-aħħar magħmudija li tidher f'dan ir-reġistru u li saret f'San Ġorġ fit-28 ta' Frar 1628 (f. 166). L-istess kappillan, imbagħad, mar isejjaħ lilu nnifsu *"rettore"* ta' l-istess knisja ta' San Ġorġ fiż-żwieġ li seħħ fis-7 ta' Frar 1615 (f. 171), u dan hu l-uniku riferiment għal dan it-titlu f'dan ir-reġistru. Ma ninsewx ukoll li fir-reġistri li ġew wara ħafna drabi l-kappillan kien jirreferi għalih innifsu bħala "rettur u kappillan"; rettur għaliex kien irieġi u kappillan għaliex kien jieħu ħsieb il-*"cappella"*, li fl-antik nett kienet it-terminu għal knisja parrokkjali.

Nafu li dawn iż-żewġ parroċċi kienu tnejn minn erba' parroċċi minn diversi sorsi, fosthom ir-rapport ta' Monsinjur Dusina ta' l-1575, sena li hija inkluża fil-perjodu ta' dan ir-reġistru.[2] Li kien hemm erba' parroċċi f'daqsxejn ta' belt ġej mill-fatt li r-Rabat baqa' għal żmien twil jipprattika użanzi li d-djoċesi antika ta' Għawdex kienet darba tħaddan fi żmien meta, wara l-waqgħa ta' Ruma, Malta u Għawdex kienu jagħmlu mal-Knisja Griega ta' Konstantinopli. Il-parroċċi tar-rit Biżantin kienu jkunu żgħar.[3] Iżda minn dan ir-reġistru joħorġu xi dubji dwar il-kontinwità tal-parroċċa ta'

San Ġorġ, kif sa nuri. Fl-1760 il-Kanonku Agius de Soldanis kien qal li "fiż-żminijiet l-imgħoddija l-knisja ta' San Ġorġ kienet daqqa filjali tal-Matriċi, daqqa parroċċa għaliha bil-kappillan tagħha".[4]

L-ewwel darba li l-knisja ta' San Ġorġ tissemma f'dan ir-reġistru huwa fil-magħmudija tal-21 ta' Ottubru 1597. Imbagħad, wara dik id-data iżolata, tibda tissemma mill-1614, propju wara l-għaxar snin ta' lakuna li semmejna fuq, sa l-1628, barra fis-snin 1625 u 1626 li huma wkoll nieqsa. Fl-1614 San Ġorġ jissemma tmien darbiet, u dawn jibdew biss minn Awwissu 'l quddiem; fl-1615 jissemma 51 darba; fl-1616 31 darba; fl-1617 20 darba; fl-1618 61 darba; fl-1619 52 darba; fl-1620 90 darba; fl-1621 59 darba; fl-1622 46 darba; fl-1623 68 darba; fl-1624 57 darba; fl-1625 36 darba, u dawn jaslu biss sa Ottubru; u fl-1628 4 biss, u dawn ta' l-aħħar huma kollha żwiġijiet. B'hekk b'kollox San Ġorġ jissemma 584 darba. Dan ma jfissirx li sar biss dan l-ammont ta' sagramenti f'San Ġorġ għaliex f'ħafna okkażjonijiet oħra l-kappillan ma kienx isemmi l-post fejn is-sagrament kien qed jingħata.

F'dan ir-reġistru nsibu l-ordni ta' min ħa s-sagramenti mhux kif ippreżentajthom jien, b'ordni alfabetiku skond is-sagrament, imma b'ordni pjuttost kronoloġiku li jaqilbu minn sagrament għall-ieħor skond kif ġew amalgamati. Qed ngħid "pjuttost" għaliex ġieli ssib li materjal ta' quddiem huwa ppreżentat wara jew bil-kontra. Għalhekk dan il-ktieb jippreżenta l-ewwel erba' kapitli bħala l-ewwel erba' "reġistri" tal-Knisja ta' Għawdex.

Meta ngħid "il-Knisja ta' Għawdex" qiegħed nifhem id-djoċesi ta' Għawdex il-lum, li mhux biss dak iż-żmien kienet irrappreżentata miż-żewġ parroċċi tar-Rabat kif urejt fuq (għalkemm dak iż-żmien kienu jagħmlu mad-djoċesi ta' Malta) imma wkoll li tospita l-istess reġistru propju għaliex jappartieni liż-żewġ parroċċi. Il-fatt li dan ir-reġistru għandu fih materjal taż-żewġ parroċċi ma jfissirx li hawn kien hawn parroċċa waħda, għalkemm dan il-fatt seħħ għal xi żmien, imma jfisser li xi ħadd għaqqad il-materjal tat-tnejn f'wieħed, u fil-proċess ħalla barra materjal li jappartieni lil San Ġorġ li jtul għal għaxar snin sħaħ u materjal ieħor minn diversi snin oħra. Jidher li meta r-reġistri li hemm fil-Matriċi jibdew fl-1603, dawk ta' San Ġorġ bdew għalihom sa l-1613 u sussegwentement intilfu. Imbagħad ir-reġistrazzjoni ta' l-istess knisja tissokta fl-1613 sa l-1625 f'dan ir-reġistru li jinsab il-Kurja. Fl-1625, imbagħad, jibda t-tieni volum tal-parroċċa ta' San Ġorġ, minkejja l-fatt li xi reġistrazzjoni ta' San Ġorġ tas-sena 1628 baqgħet tidher f'dan ir-reġistru.

Hawnhekk nixtieq inżid li minn studju li għamilt fuq dan l-ewwel reġistru, u t-tieni reġistri l-oħra li jinsabu wieħed f'San Ġorġ u l-ieħor fil-Matriċi, wieħed jikkonkludi li kalligrafiji ta' dawk li jinsabu fiż-żewġ parroċċi bikrin ta' Għawdex kollha jinsabu f'dan l-istess l-ewwel reġistru.

Din il-pubblikazzjoni tiegħi tikkonsisti f'Introduzzjoni, sitt Kapitli u Konklużjoni. Minn dawk il-kapitli, l-ewwel erbgħa jittrattaw l-erba' sagramenti, u t-tnejn l-oħra jitfgħu dawl fuq in-nies li jissemmew b'xi tagħrif fuqhom u fuq il-kunjomijiet kollha li wieħed jiltaqa' magħhom f'dan ir-reġistru. Fl-aħħar nett dan il-ktieb jagħlaq b'tagħrif ġenealoġiku ta' kif ibni, Jerome, għandu antenati Għawdxin, fost ħafna oħrajn, mill-erba' nanniet li kellu.

L-Introduzzjoni hija magħmula minn żewġ partijiet. L-ewwel parti tittratta fuq dan l-istess reġistru u t-tieni parti fuq l-isfond storiku ta' dan ir-reġistru, speċjalment bit-tħarbit li sar fuq Għawdex u l-ħtif mill-popolazzjoni tiegħu fl-1551.

Fl-ewwel parti ma ddejjaqtx insemmi l-kwistjoni ta' "parroċċa", jekk kinitx waħda, tnejn jew saħansitra erbgħa.



Paġna mir-reġistru miżmum fil-Kurja ta' l-Isqof ta' Għawdex.

Jidher mill-istess reġistru li ż-żewġ knejjes li kienu qed jamministraw is-sagramenti kienu dawk tal-Matriċi u ta' San Ġorġ, b'retturi jew kappillani differenti minn xulxin. Dan minkejja li Monsinjur Dusina, fl-1575, isemmi parroċċa waħda, waħda minn disgħa f'Malta u Għawdex, b'kappillan wieħed bl-isem ta' Dun Antonju Attard, "kappillan tal-gżira ta' Għawdex". Kien dan il-fatt li għen lil Agius de Soldanis jgħid li San Ġorġ kienet daqqa filjali għall-Matriċi u daqqa parroċċa għaliha bil-kappillan tagħha. Mill-banda l-oħra l-istess Dusina jsemmi li fir-Rabat kien hemm erba' parroċċi, li tnejn minnhom kienu tħarbtu mit-Torok fl-1551. Minn dan wieħed jikkonkludi li oriġinarjament kien hemm erba' parroċċi fir-Rabat, iżda wara l-1551 il-Matriċi ħadet f'idejha l-amministrazzjoni pastorali ta' Għawdex, u kienet topera kemm mill-Matriċi u kemm minn San Ġorġ. Fi żmien qasir minn wara Dusina, San Ġorġ jerġa' jassumi r-rwol tiegħu ta' parroċċa indipendenti. M'hemm l-ebda dubju fuq xi tfisser il-kelma "matriċi", li bil-Latin tfisser "omm li ġġib fid-dinja l-ulied". Spjegajt ukoll li fil-każ ta' Għawdex din l-omm mhux biss ġabet l-ulied, imma saħansitra indukrathom bil-preżenza ta' isqof li s-sede tiegħu tmur lura għaż-żmien tal-Biżantini, iż-żmien kollu ta' l-Għarab, sakemm wieħed eżiljat f'Għawdex imur jirreferi għalih fis-seklu tnax.[5] Jekk imbagħad mill-knisja ta' San Ġorġ nibtitx xi parroċċa oħra, hemmhekk noqgħod għall-fatti ta' l-istorja tal-Knisja meta ssemmi kif u meta parroċċi ġodda ħarġu mir-Rabat mis-seklu sbatax 'il quddiem. Din l-istorja jiena m'iniex l-awtur tagħha.

Fit-tieni parti jiena ttrattajt fuq il-ħbit tat-Torok fuq Għawdex li sar fl-1551. Urejt x'kienet l-intenzjoni oriġinali ta' Dragut, li kienet waħda ta' vendetta għal dak li ġarrab f'Mehdija fl-Afrika wara li falla l-attentat tiegħu li jaħbat għall-Forti ta' Sant'Anġlu u għall-Imdina. L-invażjoni, l-assedju taċ-Ċittadella u t-tħarbit tal-gżira damu mill-24 sat-30 ta' Lulju 1551. Urejt kemm bejn wieħed u ieħor tkaxkru Għawdxin minn Għawdex; imma, anki bis-saħħa li jagħtina Bosio, jidher minn dan l-istess l-ewwel reġistru li jibda fl-1554 b'popolazzjoni mdaqqsa li Għawdex ma setax tbattal għal kollox f'dan it-tħarbit, minkejja li bil-mod bdew ġejjin lura xi Għawdxin mill-jasar jew minn postijiet oħra fejn ħarbu, u Maltin minn Malta. Dan ir-reġistru jsemmi 127 li ġew joqogħdu Għawdex minn Malta, u 28 minn barra minn Malta.

Kull wieħed mill-ewwel kapitli huwa magħmul minn lista ta' dawk li kienu qegħdin jirċievu s-sagramenti, b'tagħrif fuqhom miżjud minni li ġibtu kemm mill-istess reġistru minn bnadi oħra, kemm mill-ewwel reġistru tal-Matriċi, kemm minn Atti Notarili u kemm minn sorsi oħra. Din l-informazzjoni kollha ġiet miżjuda fit-test permezz ta' brakits kwadrati, b'tagħrif fuqhom fin-noti tal-qiegħ. Il-kumplament ta' kull kapitlu huwa studju fuq statistika li għamilt kemm tan-nies imsemmijin u kemm tan-kunjomijiet tagħhom.

Minn dan l-istudju joħroġ li f'dawn il-75 sena (1554-1628) f'Għawdex twieldu 2228 tifel u tifla minn 1138 familja. Mill-istess reġistru tal-magħmudija joħroġ ukoll li, bħala medja, 15-il familja kienu jgħammdu 30 tarbija kull sena, jiġifieri bejn żewġ trabi u tlieta kull xahar. Jissemmew ukoll 43 romol, 30 tewmin u 22 skjav. L-ewwel magħmudija kienet dik ta' Ġovanna Manueli, bint Nikola u Katerina, li tgħammdet fis-27 ta' Settembru 1554, u l-aħħar waħda kienet dik ta' Antonju Vella, bin Pawlu u Katerina, li tgħammed fit-28 ta' Frar 1628.

L-unika ċelebrazzjoni ta' Griżma ta' l-Isqof f'dawn il-75 sena saret fit-2 ta' Lulju 1579 mill-Isqof Tommaso Gargallo. B'kollox ħadu l-Griżma 198 minn 154 familja. Dan kien possibbli għaliex din kienet okkażjoni rari li jinġieb l-Isqof minn Malta – dak iż-żmien l-Isqof biss kien jamministra dan is-sagrament – u għalhekk tifel jew tifla laħqet l-ieħor jew l-oħra. Jekk wieħed jikkunsidra li kull familja ppreżentat bejn żewġt u tlett itfal għall-Griżma ta' l-Isqof, allura wieħed jista' jikkonkludi kemm kienu jgħoddu ftit f'kull familja.

Ir-reġistru taż-żwiġijiet jagħtina 384 żwiġijiet. Minn studju li għamilt bejn ir-reġistru tal-magħmudijiet u dak taż-żwiġijiet joħroġ li 5 irġiel u 18-il mara jidhru kemm f'reġistru u kemm f'ieħor. B'hekk sirna nafu l-etajiet taż-żwieġ tagħhom. Fil-fatt, bħala medja, l-irġiel kienu jiżżewġu ta' 23 sena, u n-nisa ta' 20 sena. 24 minn dawn iż-żwiġijiet kienu jinvolvu romol, xi drabi anki fuq kull naħa taż-żwieġ. L-ewwel żwieġ imsemmi kien dak ta' Ġwanni Curmi li żżewweġ lil Angela Muscat fil-25 ta' Diċembru 1556, u l-aħħar wieħed kien dak ta' Ġwanni Spiteri li żżewweġ lil Iżabella Calleja fit-13 ta' Settembru 1625.

Ir-reġistru ta' l-imwiet jagħtina 131 mewt f'40 sena, medja ta' bejn 3 u 4 fis-sena. Isemmi wkoll qassis, tliet sorijiet u 11-il armel. Dan ir-reġistru huwa nieqes minn informazzjoni ta' età jew kawżi ta' mewt, noti li jibdew jidhru fir-reġistri ta' wara.

Il-kunjomijiet l-aktar popolari li joħorġu minn dan l-ewwel reġistru tal-Knisja ta' Għawdex huma kif ġej: Camilleri, Cassar, Micallef, Spiteri u Vella. Dawn huma biss ta' dawk li rċivew xi sagrament. B'kollox wieħed jiltaqa' ma' 317-il kunjom differenti. Dawn jikkonsistu f'267 kunjom differenti mir-reġistru tal-magħmudijiet, 100 mir-reġistru tal-Griżma ta' l-Isqof li minnhom 10 biss huma differenti minn dawk tal-magħmudijiet, 160 mir-reġistru taż-żwiġijiet (kunjomijiet ta' l-għarajjes irġiel) li minnhom 24 biss huma differenti minn dawk ta' qabilhom, 101 ukoll mir-reġistru taż-żwiġijiet (kunjomijiet ta' l-għarajjes nisa) li minnhom 14 biss huma differenti minn dawk ta' qabilhom, u 67 mir-reġistru ta' l-imwiet li minnhom 5 biss huma differenti minn dawk ta' qabilhom. Jekk imbagħad inħarsu lejn dawk il-kunjomijiet minn Kapitlu 6 ta' dawk li kienu qegħdin jamministraw is-sagramenti, li kienu parrinijiet tal-Magħmudijiet jew xhieda taż-żwiġijiet, insibu li minn 179 kunjom bil-varjanti tiegħu 45 biss huma differenti minn dawk ta' qabilhom, waqt li minn 159 kunjom rari 79 biss huma differenti minn dawk ta' qabilhom. Jista' jagħti l-każ li minn dawn il-124 ta' l-aħħar (45+79) xi wħud ma kinux Maltin, imma ismijiet ta' gvernaturi barranin ta' Għawdex u kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann. B'kollox, mela, niltaqgħu f'dan l-ewwel reġistru tal-Knisja ta' Għawdex ma' 441 kunjom differenti (317+124).

Din il-pubblikazzjoni tagħtina wkoll tagħrif tan-nies li propju ma kinux qegħdin jirċievu xi sagrament. Kull persuna li, waqt li kont qed nittraskrivi, iltqajt magħha u li kellha xi rwol fis-soċjetà, niżżiltha taħt klassifika li fiha kienet tappartieni. B'hekk insibu ismijiet ta' isqof, inkwiżitur, 2 arċiprieti ta' Malta, 8 kappillani minn Malta u Għawdex, 2 *locumtenentes*, 10 viċi-kappillani minn Malta u Għawdex, 7 kanonċi minn Malta, 47 qassis, 30 kjeriku, li 5 minnhom wara ġew ordnati qassisin, 43 raġel ta' xi ordni reliġjuż, x'aktarx ta' l-Ordni ta' San Ġwann, u 3 sorijiet.

Insibu wkoll ismijiet ta' 26 gvernatur ta' Għawdex, 4 *logotenentes*, 2 segretarji tal-Kunsill, supretendent, 2 surġenti, 13 nies distinti oħra, 8 nobbli, baruni, padrun, 2 *madames*, senatur, kaptan, inġinier, 10 tobba u 43 nutar. Barra minn dawn niltaqgħu ma' barklor, 2 kanunieri, 5



Fit-tnedija tal-ktieb fil-Ministeru għal Għawdex, fit-23 ta' Lulju 2010.

qbiela, 2 sagristani, skarpan, 11-il suldat u 29 skjav. Minn dawn ta' l-aħħar 21 kienu rġiel, 8 nisa u 5 suwed.

Innotajt ukoll dawk kollha li ma kinux minn Għawdex, imma jew minn Malta jew minn barra minn Malta. B'kollox jissemmew 132 minn Malta li l-ikbar numru minnhom (22) kienu miż-Żurrieq, Bubaqra u Ħal Millieri. Mid-29 li ġew minn barra minn Malta 15 ġew mill-Italja u minn Sqallija. Interessanti wieħed jinnota, forsi għall-ewwel darba fil-kitba Maltija u Għawdxija, ir-referenza għal wieħed li ġie mill-Amerika, post imsejjaħ *"terra nova"*. Din ma setgħetx kienet il-Belt Valletta, għaliex din il-persuna tidher f'Għawdex fl-1562, qabel l-Assedju l-Kbir.

Innotajt ukoll kurżitajiet storiċi, bħall-Viżta li l-Isqof Tommaso Gargallo għamel f'Għawdex fl-1579, ir-referenza għad-*Dies Bissextilis* fl-1592 li minn żmien ir-Rumani kienet taħbat l-24 ta' Frar li fih kien osservat il-jum interkalat, jiġifieri l-jum miżjud fir-raba' sena. Dan ifisser li d-29 ta' Frar daħal wara l-1592. Fl-1599, imbagħad, insibu r-referenza għas-Sena Ġubilari. Insibu wkoll isem ta' l-ewwel parrina tal-magħmudija fl-1615, żewġ magħmudijiet li ġew iċċelebrati matul l-Assedju l-Kbir, avveniment li qatt m'huwa msemmi f'dan ir-reġistru, 9 magħmudijiet bl-isem ta' Silvestru għal trabi mgħammdin jew fl-aħħar tas-sena jew fil-bidu tas-sena, u fl-aħħar nett 21 laqam.

### Biblijografija


Agius de Soldanis Ġ.P.F., *Il Gozo antico e modern sacro e profano*, 1760, maqlub għall-Malti minn G. Farrugia Gioioso, *Għawdex bil-ġrajja tiegħu* f'żewġ volumi f'Malta, 1936/1953, editjat mill-ġdid mill-*Fondazzjoni Belt Victoria* fl-1999.

Aquilina G.–Fiorini S. (Ed.), *Mgr Petrus Dusina, 1575: Malta: Visita Apostolica no. 51*, f'*Documentary sources of Maltese history: Part IV. Documents at the Vatican. No. 1. Archivio Segreto Vaticano, Congregazione Vescovi e Regolari*, Malta 2001.

Busuttil J.–Fiorini S.–Vella H.C.R. (Ed.), *Tristia ex Melitogaudo. Lament in Greek verse of a XIIth-century exile on Gozo*, Malta 2010.

Fiorini S., *Tristia ex Melitogaudo revisited. Objections, clarifications, confirmations*, Malta 2010.

Mercieca S., *"Horatio Caesar Roger Vella. The earliest Church register in Gozo: 1554-1628"*, fi *Treasures in Malta*, Christmas 2010 (49).


### Riferenzi

[1] Mercieca, 85, ma fehemx dak li għidt fil-Prefazju, xi, li jien għamilt *cd* tat-traskrizzjoni tar-Reġistru, kif jidher mill-bidu sa l-aħħar, u xtaq li dan isir. Fil-fatt dan għamiltu u din is-*cd* tinsab fil-Kurja ta' l-Isqof f'Għawdex, u huwa xogħol differenti minn dan il-ktieb għaliex waqt li l-preżentazzjoni tat-traskrizzjoni f'dan il-ktieb tidher b'mod alfabetiku u standard, dik tas-*cd* hija, kif għidt, kif tidher fir-Reġistru.

[2] Dusina, f.113-114v., f'Aquilina–Fiorini (Ed.), 142.

[3] Ħajr ta' l-informazzjoni lill-Professur Stanley Fiorini. Ara wkoll Fiorini, 18-22.

[4] Agius de Soldanis, 2.46.

[5] Busuttil–Fiorini–Vella (Ed.), 166-167.

# *Rejiet Ingliżi bl-isem ta' Ġorġ* (6)

Dun Geoffrey G. Attard

## Ir-Re Ġorġ VI (1895-1952)






Albert Frederick George, jew il-Prinċep Albert, kif kien magħruf fil-familja tiegħu, twieled nhar l-14 ta' Diċembru 1895 f'Sandringham, Norfolk, id-dar li fiha l-Familja Rjali kienet tqatta' l-btajjel tal-Milied u l-bidu tas-sena, appuntament annwali li għadu tradizzjoni ħajja sal-lum. Hu kien it-tieni iben tar-Re Ġorġ V u r-Reġina Mary. Fi ċkunitu t-tfajjel Albert żviluppa l-kundizzjoni tat-temtim, li baqgħet miegħu ħajtu kollha, għalkemm aktar 'il quddiem, bl-għajnuna ta' martu, irnexxielu jirbaħ ħafna minnha. Minħabba li ħuh il-kbir David kien il-werriet tat-tron u allura prinċep ta' Wales, hu rċieva t-titlu ta' Duka ta' York, irriservat għat-tieni iben tal-monarka Ingliż. Iżżewweġ lil Lady Elizabeth Bowes-Lyon, id-disa' wild u r-raba' bint tal-Konti ta' Strathmore u Kinghorne u l-propjetarju tal-Kastell romantiku ta' Glamis f'Angus, fl-Iskozja. Huma kellhom żewġt ibniet: Elizabeth u Margaret. Fi ċkunitu serva fil-Flotta u fil-Battalja ta' Jutland, fl-Ewwel Gwerra, u aktar tard fir-*Royal Air Force*. Kellu interess fil-kundizzjonijiet soċjali tal-pajjiż. Wara l-mewt tar-Re Ġorġ V fl-1936, ibnu David sar Edward VIII, imma dan qatt ma ġie inkurunat għaliex abdika t-tron biex ikun jista' jiżżewweġ lill-Amerikana u darbtejn iddivorzjata Wallis Simpson. Wara l-abdikazzjoni, li qajmet kontroversja u nisslet kriżi fil-pajjiż, Edward VIII mar joqgħod Pariġi u ngħata t-titlu ta' Duka ta' Windsor. Albert ħadha bi kbira għax ma ħassux imħejji biex ikun ir-Re, imma bl-għajnuna ta' martu Lady Elizabeth wasal biex aċċetta u kien inkurunat nhar it-12 ta' Mejju 1937. Mexxa l-pajjiż matul il-kriżi tat-Tieni Gwerra u sab l-għajnuna tal-Prim Ministru Sir Winston Churchill. Ir-Re Ġorġ ħoloq ukoll żewġ dekorazzjonijiet ġodda matul il-ħakma tiegħu sabiex jirrikonoxxi lil dawk li taw sehemhom fil-Gwerra: il-*George Cross* u l-*George Medal*. Malta kienet l-uniku pajjiż li ngħata l-*George Cross*, li bħala regola huwa rriservat għall-persuni. Dan ingħata mir-Re Ġorġ VI għall-qlubija – *"For Gallantry"* – li wrew Malta u l-Maltin matul il-gwerra; Malta kienet l-aktar art ibbumbardjata matul il-gwerra kollha. Il-*George Cross* il-lum jagħmel parti mill-bandiera Maltija. Ġorġ miet nhar is-6 ta' Frar 1952 fl-istess dar fejn kien twieled. Warajh laħqet bintu Eliżabetta II.

# Il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri* f'Agrigento

## 12-14 ta' Novembru 2010



Il-Kor tal-Bazilika Ġorġjana, *Laudate Pueri*, bejn it-12 u l-14 ta' Novembru 2010 kien Sqallija bħala l-mistieden ta' l-unur ta' Mons. Giuseppe Liberto, direttur emeritu tal-*Cappella Musicale Pontificia Sistina* u direttur artistiku tal-Festival *Cori in Concordia*, ċelebrazzjoni korali ta' kant fil-famuż *Valle dei Templi* ta' Agrigento.

L-ewwel impenn tal-kor f'din l-okkażjoni kien fil-lejla tal-Ġimgħa 12 **(ritratt fuq)**, l-ewwel ġurnata ta' din il-mawra b'timbru ta' kultura Nisranija ta' l-ogħla livell, meta wara li ngħaqad ma' tliet korijiet oħra minn partijiet diversi ta' Sqallija fl-eżekuzzjoni ta' żewġ kompożizzjonijiet ta' Mons. Liberto f'ċelebrazzjoni quddiem il-famuż Tempio della Concordia, ta kunċert mill-aqwa quddiem udjenza tassew impressjonanti u kolta fil-Bażilika storika ta' San Nikola. Taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, il-kor tagħna esegwixxa mużika polifonika minn żmien ir-Rinaxximent sa dak kontemporanju, b'motetti sagri ta' De Victoria, Palestrina, Balzano, Viadana, Bartolucci, Caruana u Vella. Dan il-kunċert ġie mxandar fuq stazzjon lokali tat-televiżjoni.

L-għada s-Sibt, fil-Bażilika ta' San Domenico, it-tliet korijiet l-oħra li kienu qed jieħdu sehem fil-festival ingħaqdu mal-Kor *Laudate Pueri* fl-eżekuzzjoni tal-*Magnificat*, kompożizzjoni ta' Mons. Liberto **(ritratt isfel)**. Dan il-kantiku Marjan ċelebri kien tkanta mill-Kor Papali magħruf bħala *Cappella Sistina* fil-kunċert memorabbli u storiku li kien ta fil-Bażilika Ġorġjana ta' Għawdex lura f'Jum San Ġorġ ta' l-2006, taħt id-direzzjoni ta' Mons. Liberto nnifsu. Fil-kunċert tas-Sibt, is-sezzjoni femminili tal-kor tagħna esegwiet tliet motetti sagri oħra tal-Prof. Joseph Vella, *maestro di cappella* tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Dawn kienu *Rorate Cœli* op. 84, *Agnus Dei* mill-*Missa Brevis* op. 40, u l-arranġament ta' l-innu *Fil-ħlewwa ta' Mejju*. Il-bażilika, li kienet mimlija daqs bajda, b'udjenza mmexxija mill-Isqof djoċesan Mons. Francesco Montenegro u membri mill-*Camera del Senato* u mill-Kamra tar-Rappreżentanti Taljani, infexxet f'applaws kbir hekk kif spiċċat l-*Agnus Dei*, u l-kor ingħata *standing ovation*. Il-kor ingħata l-unur li jkanta tliet biċċiet bħala l-mistieden speċjali tal-Festival.

*Cori in Concordia* ġie fi tmiemu l-Ħadd 14 ta' Novembru, b'konċelebrazzjoni fil-Bażilika ta' San Nikola *alla Valle dei Templi*, ippreseduta minn Mons. Giuseppe Liberto. Fost l-oħrajn, ikkonċelebraw miegħu Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet emeritu, u Dun Geoffrey George Attard. F'din il-liturġija solenni l-kor tagħna ngħaqad mal-korijiet l-oħra fl-eżekuzzjoni tal-*Missa Ottava*, komposta minn Mons. Liberto. Wara t-tqarbin Mons. Farrugia, f'isem il-kor li tiegħu hu l-fundatur, għamel kelmtejn ta' l-okkażjoni fejn wassal l-apprezzament tal-kor għat-trattament tassew regali li l-organizzazzjoni tat lill-kor tagħna, u ġedded il-memorji sbieħ tal-mawra indimentikabbli tal-Kor Papali fil-gżira Għawdxija, u tal-kunċert straordinarju fil-Bażilika Ġorġjana fil-preżenza distinta ta' Mons. Mario Grech, Isqof djoċesan, awtoritajiet għolja ċivili u ekkleżjastiċi, flimkien ma' ħamsin ambaxxatur għas-Santa Sede ta' pajjiżi mid-dinja kollha. Wara din il-mawra tal-Kor Papali, Mons. Giuseppe Liberto kien ġie maħtur kanonku onorarju ta' San Ġorġ f'Lulju ta' l-2007 mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, Dekan tal-Kolleġġjata Urbana.

Hekk ġew fi tmiemhom l-impenji korali tal-kor tagħna f'dan il-festival. Wara nofs in-nhar, fi triqthom lura lejn l-ajruport ta' Catania, il-membri tal-kor waqfu Taormina sabiex igawdu x-xenarju mill-isbaħ li tgawdi din il-belt, għad-dell ta' l-Etna. Il-membri tal-kor irritornaw Għawdex il-Ħadd stess tard bil-lejl, sodisfatti li rnexxielhom ikomplu jarrikkixxu l-kuruna ta' suċċessi ta' kor bi storja ta' aktar minn tletin sena li jixhed tajjeb għall-istorja antikissma u glorjuża tal-Bażilika Ġorġjana tagħna fil-qasam mhux biss tal-liturġija, iżda anki tal-kultura Nisranija.



**Ritratti:** Alessandro Invernici

## Mużew tagħna - Mużew għal kulħadd

LEJN TWETTIQ TA'ĦOLMA

10

*Antoine Vassallo*

# Imxejna sew!

Fl-aħħar ħarġa kont semmejt il-mira tagħna li l-bini jintemm qabel l-aħħar tas-sena. F'dan l-għaxar appuntament tiegħi għandi sodisfazzjon nikkonferma li – minkejja xi diffikultajiet, iżda bil-koperazzjoni ta' bosta – dan l-għan intlaħaq. Grazzi għall-bżulija tal-kumpanija li kienet rebħet iż-żewġ tenders rispettivi, *Vella Construction*, ix-xogħol ta' "ġebel u konkrit" spiċċa t-Tnejn 20 ta' Diċembru 2010 fil-għaxija.

Dawk il-jiem kienu pjuttost importanti għat-twettiq ta' dan il-proġett, għax fis-17 u t-18 kellna magħna tnejn mid-ditta li ntgħażlet għad-disinn. Kif diġà spjegajtilkom, dan l-aspett hu essenzjali għall-mużew tagħna li nixtiquh ikun "modern" fis-sens li juża l-aqwa mezzi disponibbli biex il-viżitaturi jkollhom esperjenza tassew memorabbli, u li tħajjar lil oħrajn!

Il-bord fela t-tliet offerti – bil-ħafna informazzjoni – li rċevejna bi tweġiba għas-sejħa, u ppropona li l-għażla taqa' fuq il-kumpanija *BrightWhite* li għandha esperjenza impressjonanti. Il-Fondazzjoni qablet ma' dan u jien mill-ewwel bgħatt ninformahom.

Ħassejna li jkun jaqbel li jiġu jistudjaw sew il-post. It-titjira wasslithom bil-lejl (raqqadniehom San Ġorġ stess; waħda mill-użi li għalihom inbena ċ-ċentru) u l-għada fil-għodu mill-ewwel bdew sigħat ta' diskussjoni ma' membri tal-Fondazzjoni, immexxija mill-Kordinatur tal-Proġett, l-Arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia. Ħadu bosta ritratti u disinni biex iżiduhom mal-pjanti.

Il-Ġimgħa fil-għaxija għamilna laqgħa "uffiċjali" magħhom, bis-sehem utilissmu tal-*Project Manager*: tkellimna fuq kif sa taħdem ir-relazzjoni bejnietna; dħalna anki fid-dettalji tal-kuntratt, li ffirmajnieh l-għada, wara li ftehimna fuq xi tibdiliet. Il-professjonalità ta' din id-ditta minn York – li diġà kienet ċara mid-dokumentazzjoni li ssottomettew – ikkonfermajtha bil-kbir mill-"ftietaq" li qajmu! Diġà għamlulna diversi proposti u suġġerimenti fuq kif nużaw l-ispazji disponibbli; sa tmiem Frar inkunu qbilna fuq il-"kunċett", u f'Mejju fuq il-disinn komplut. Anki l-appendiċi mal-kuntratt fih x'tara: lista tassew minuzjuża ta' kull ma hu mistenni minnhom: xi erbgħin punt!

L-ewwel pagament lil din id-ditta Ingliża obbligati naħsbulhom għalih fi Frar. Dan l-aspett ukoll ħadli ħafna ħin biex niftiehem ma' l-uffiċċji f'Malta fuq kif sa titħallas il-VAT, peress li bħala esportaturi ma jżiduhilniex; kien hemm bżonn bosta telefonati u *emails* qabel ma kkonfermawli l-proċeduri, pjuttost ikkumplikati! Dak il-ħlas fil-futur, iżda s'issa diġà għamilna diversi: sehemna resaq lejn l-għaxart elef ewro! Jixraq hawn infakkarkom li l-proċedura normali f'dan it-tip ta' skemi "Ewropej" hi li, wara li nkunu ċċekkjajna sew il-kontijiet u d-dokumenti l-oħra neċessarji – dan l-inkarigu li jirrikjedi attenzjoni kbira hu f'idejn Toni Farrugia – u daħħalna kollox fis-sistema kompjuterizzata msejħa SFD (*Structural Funds Database*), inżidu ċekk ta' 15% u neħduhom il-Belt. Hemm jiċċekkjawhom – b'lenti rqiqa – u jieħdu ħsieb jitfgħu l-ħlas sħiħ fil-kont bankarju tal-kuntrattur jew ta' min ikun bigħelna l-prodott jew servizz.

Kif anki għandna muri fil-kartellun li ilu tant xhur quddiem il-Bażilika, 15% ta' l-ispejjeż eliġibbli rridu nsibuhom aħna; jiġifieri għandna bżonn ta' xi mitejn elf ewro. M'hix somma insinifikanti, iżda ninsabu konvinti li jeżistu biżżejjed individwi u – għax le! – negozji u organizzazzjonijiet li japprezzaw il-valur ta' dan il-proġett u jilqgħu l-opportunità li jkollhom parti. L-iskema prinċipali tagħna għall-fondi sejjaħnielha *150 agħmilhom elf* biex nenfasizzaw l-idea li b'€150 tkun qed tippermettilna nħallsu kont ta' €1000; "investiment" inkredibbli! Inħeġġiġkom tiżdiedu ma' dawk – m'hux numru żgħir – li diġà laqgħu l-istedina, u b'hekk issieħbu għal għomorhom fil-*Fondazzjoni Belt Victoria*, b'jedd għal diversi benefiċċji, fosthom li jkollhom id-dritt iżuru l-Mużew kemm iridu bla ħlas. Tistgħu tkellmu lil Mons. Farrugia, lili jew oħrajn mill-kumitat, jew tużaw dawn il-kontijiet: APS: 20000866897 | BOV: 40018670408 | HSBC: 071227912001 | LOMBARD: 0117460034501. U agħżlu bil-libertà: €150 darba jew regolari, biċċa biċċa jew somom ikbar!



Il-perit tagħna, il-perit min-naħa tal-*Quantity Surveyor* imqabbad u l-kuntrattur meta sar il-kejl tat-tieni parti tal-bini.

Programm Operazzjonali I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF)
Rata ta' Kofinanzjament: 72.25% Fondi UE; 12.75% Fondi Nazzjonali; 15%NGOs
***Ninvestu fil-futur tagħna***

# San Ġorġ fl-Istampa

**Ilna ftit ma nkunu magħkom b'din ir-rubrika, fejn nagħtu daqqa t'għajn ħafifa lejn irkejjen ta' l-istampa lokali fejn ikun jissemma San Ġorġ jew ġrajjiet kurrenti marbuta mal-ħajja tal-parroċċa tagħna, inkella fejn ikunu dehru kontribuzzjonijiet ta' valur storiku f'rabta mal-bażilika tagħna. Għal darb'oħra, meta taqbad tqalleb il-paġni tal-ġurnali, biex ma nsemmux is-sîti elettroniċi, tinfixel x'ħa ssemmi u x'ħa tħalli barra. Naturalment, l-għan tagħna hawn m'hux li nagħtu elenku sħiħ ta' kull ma deher fl-aħħar xhur, imma li nindikaw xi kontribuzzjonijiet ta' interess partikulari jew ta' importanza notevoli.**

THE SUNDAY TIMES | September 5, 2010

6 | National

## Village feasts under spotlight

Matthew Xuereb

The President has convened a series of meetings between band club committees, the police and the Curia to deal with village rivalry during feasts.

George Abela told *The Sunday Times* that much had been achieved through the meetings and village feasts this year were "more civilised" than those of previous years - though more remained to be done.

The President took it upon himself to do something about the problem and in April last year warned that he would not attend village feasts marred by rivalry.

He admitted that given the passion the Maltese put into their village feast, *festa* rivalry was "almost impossible" to eradicate completely. He lamented that the younger generations were being given a "very bad example" with the excesses some people indulge in during the feast of their village saint.

The President was asked to comment on photos depicting such excesses in Victoria, which is bitterly divided between the La Stella band club and the Leone philharmonic society.

The photos, posted on the social network site Facebook appear to show supporters of the Leone club taunting, through the use of vulgar gestures, 'adversaries' outside St George's Basilica which is associated with La Stella club.

A man who witnessed the celebrations on August 15 said this year the march took a carnivalesque tinge with a huge effigy of a Paper mache lion and several provocative banners.

Although St George's is not strictly related to the activities connected with this feast, Leone Band club supporters consider it essential to assert their right to hold their march in rival territory.

**"It is a constitutional right to pass through the square. Police were present throughout the celebrations and no action was taken against anyone"**

One of the banners carried by them made this clear with the words: 'We will enter your square for sure'.

But Leone Band club president Michael Caruana said these banners were merely a reply to banners put up by La Stella club, saying they would not allow them into the square.

"It is a constitutional right to pass through the square," Mr Caruana said adding that he did not consider this exchange of banners to be "rivalry". He pointed out that police were present throughout the celebrations and no action was taken against anyone.

Asked about photos showing a young man gesturing as he sat in St George's square, Dr Caruana said he condemned such behaviour.

Dr Abela said more had to be done to control "the few" who tarnish village feasts with "ridiculous behaviour".

In October last year, the Church had published a range of proposals on the celebration of village feasts with the aim of restoring the religious and community aspects of the celebrations. This document was launched and then opened for public consultation.

A final document will be published at the end of the *festa* season, which is after Wednesday's celebrations of the feast of the Nativity of Our Lady in Naxxar.

Among other things, the Church proposed giving village *festa* enthusiasts three years to control outrageous behaviour during morning band marches, after which offending band clubs would be struck off the Church's list of events.

"Between 2010 and 2012 we will allow time for all those involved to control exaggeration, including the manner of dress, songs and words that are chanted, the consumption of alcohol and the duration of the marches," the document read.

"If, after these three years, we find that band marches cannot be controlled or reformed, the Church has to decide to no longer consider them an integral part of the feast."

The document also proposed that morning band marches should not be longer than four hours and should not go past rival clubs. Where this was unavoidable, the march should not stop, for whatever reason.

"The mission of the Church is to deliver the beauty of God's word. And that's what the role of feasts should be. There is a lot of tradition in our feasts, which is beautiful. However, through the years, we have forgotten they are there to celebrate a saint," Archbishop Paul Cremona had said.



**Leone Band club supporters consider it essential to assert their right to hold their march in rival territory.**

[1]

Your Shot/Travel | BEST OF READERS' PHOTOS



### Gozo, Malta

**Photograph and text by Ted Attard**

THE SMALL ISLAND of Gozo is an easy 20-minute ferry ride from northern Malta. I have been coming here for a number of years and recently returned to stay. I love Gozo's hospitable people, its hills and valleys, tranquillity, and Mediterranean climate. Last April I visited the main town of Victoria for the Feast of St. George, one of the beautiful *festas* celebrated during the summer. Being fond of church bells, I decided to go up to the roof of St. George's Basilica for the noontime ringing of the bells. With cotton in my ears, I climbed up and found a few kids there taking turns pulling the rope. As expected, the tone of the bells was magnificent. After they finished the bell ringing, the kids began putting up flags to decorate the basilica's roof. It was quite breezy, so when they unfurled the flag with the coat of arms of Pope Pius XII (by whose decree St. George's became a minor basilica in 1958), it was caught by a sudden wind gust just as I took this photo. Using a wide-angle lens allowed me to include the huge dome, which lends a sense of scale. That and the vivid colors are what I like most about this shot.

*We want your photographs. Upload your favorite travel picture with a caption of no more than 200 words to Your Shot/Travel at ngm.com/yourshot. Tag all submissions with the keyword 'travel.' We'll publish one photo in each issue.*

[2]

[1] Suġġett li għal sena oħra qajjem ħafna kontroversja kien ir-rotta tal-"marċ ta' fil-għodu" tal-festa ta' l-Assunta, organizzat fil-15 ta' Awwissu 2010 mis-Soċjetà Filarmonika *Il Leone* tal-Belt Victoria. Rapport ta' Matthew Xuereb fuq *The Sunday Times* tal-5 ta' Settembru 2010, paġna 6, intitolat *Village feasts under spotlight* naqas milli jagħti stampa sħiħa tas-sitwazzjoni attwali, minkejja li ta lill-qarrejja x'jifhmu li l-pożizzjoni li ħa l-President ta' Malta Dr George Abela f'dan ir-rigward diġà ħalliet il-frott mixtieq. Għalhekk kienet tweġiba f'lokha dik ta' Pawlu Zammit, President tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, f'paġna 17 tal-ħarġa ta' wara ta' l-istess ġurnal. Id-dibattitu jkompli, u nittamaw li naraw passi konkreti fil-pożittiv...

[2] Ritratt bil-kulur tal-fotografu Għawdxi Ted Attard li deher fuq l-aħħar paġna tal-ħarġa ta' Ottubru 2010 tar-rivista internazzjonali *National Geographic Traveler* qajjem sensazzjoni fost il-Ġorġjani kollha. Din hi rivista prestiġjuża maħruġa min-*National Geographic Society* bl-għan li tirriklama destinazzjonijiet turistiċi interessanti madwar id-dinja. Ir-ritratt meħud minn Attard, li ġie magħżul għal fuq il-paġna *Your Shot/Travel – Best of readers' photos*, juri żewġ subien fuq il-bejt tal-Bażilika ta' San Ġorġ, maġenb il-koppla, jiġġieldu kontra r-riħ biex iżommu bejniethom bandiera tal-bażilika, bl-ilwien tradizzjonali ta' l-aħmar u l-isfar. L-Uffiċċju Parrokkjali

# ROKNA għat-tfal



Kif intom, għeżież tfal?

Nittama li tinsabu tajbin u għamiltu xi proponimenti għal din is-sena li qegħdin nibdew. Fil-bidu tas-sena kulħadd jagħmel xi proponiment, kulħadd jieħu xi deċiżjoni għall-aħjar. L-importanti li wieħed iżommha u mhux jiksirha wara ftit tal-jiem. Li kont minnkom nieħu deċiżjoni li matul din is-sena nistudja bis-serjetà biex ngħaddi mill-eżamijiet u nkompli miexi 'l quddiem fil-ħajja. Nara dejjem li nkun imdawwar bi ħbieb tajbin u sinċieri; ma nitlifx il-Quddiesa, b'mod speċjali tal-Ħadd, u li nattendi regolarment għal-laqgħa tad-duttrina, tal-Leġjun ta' Marija, tal-*Museum* jew ta' fejn is-soltu mmur. Id-dar nara li nkun dejjem ubbidjenti, għax daqs il-ġenituri ma jien sa nsib lil ħadd li jħobbni u jirrispettani.

Ċert li kellkom vaganzi sbieħ u xi rigal qlajtu wkoll. Il-Milied għalhekk jiġi: biex nifirħu, naqilgħu u nagħtu. Fil-parroċċa kellna Novena sabiħa, u prosit tassew għall-attendenza numeruża tagħkom. Araw li twiegħbu dejjem għal xi sejħa li minn żmien għal żmien tagħmlilkom il-parroċċa. Dis-sena kellna *record*: tlett itfal kollha mill-istess triq għamlu l-Priedka tal-Milied fil-Quddiesa ta' Nofs il-Lejl; kellna lill-abbati Ġorġ Pisani li smajnieh fil-knisja tagħna, lill-abbati Ġorġ Cassar fil-knisja tal-patrijiet ta' San Franġisk, u lil Riccardo Gatt Ellis li smajnieh taħt it-tinda f'Misraħ Indipendenza wara li sħabu tal-*Museum* spiċċaw id-Dimostrazzjoni tal-Bambin! Dawn kollha joqogħdu tefgħa ta' ġebla bogħod mill-iskola primarja tal-Vajringa, sewwa sew fi Triq Sir Arturo Mercieca.

Issa tissokta s-sena l-ġdida u ġurnata wara l-oħra jerġa' jibda jgerbeb iż-żmien, u f'kemm trodd salib Jannar jibda jahrab u tfeġġ il-festa ta' San Ġwann Bosco, u dritt wara tan-Nawfraġju ta' San Pawl fl-10 ta' Frar, u jibdew joqorbu l-eżamijiet ta' nofs is-sena. Wara dawn ifeġġ il-Karnival, li din is-sena ġej xi ftit tard. Sewwa mela li nagħmlu użu tajjeb miż-żmien u naraw li niskansaw il-mard u l-problemi bla bżonn. Qegħdin tikbru bla ma tittendu, u allura l-kompetizzjoni ta' din id-darba sa norbotha mal-ġejjieni tagħkom.

## KOMPETIZZJONI

Min jixtieq jieħu sehem fil-kompetizzjoni ta' din id-darba u jidħol biċ-ċans li jirbaħ ktieb sabiħ, ġentilment mogħti lilna mill-*Klabb Kotba Maltin*, kull ma jrid jagħmel hu li jikteb komponiment bil-Malti ta' madwar mitt kelma li jkun jismu **X'nixtieq li nsir meta nikber!** Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom liz-Ziju Joe, 11/"Marjos", Triq Sir Paul Boffa, Victoria VCT 2111, Għawdex, sa nhar **is-Sibt 5 ta' Marzu 2011**.

Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni ta' l-aħħar ħarġa hu **Owen Micallef Sultana** ta' Flat 15, Triq Dr Anton Tabone, il-Belt Victoria VCT 9026, Għawdex.

*Iz-Ziju Joe*

---

...jaqbad minn paġna 18

ġie kkuntattjat minn korrispondent tan-*National* biex jipprovdi aktar tagħrif fuq ir-ritratt, kif fil-fatt jidher fit-tagħrifa ta' taħt. Tant qajjem interess dan ir-ritratt li spiċċa deher ukoll fuq l-aħbarijiet lokali!




**[3]** Fuq il-ġurnal *Il-Mument* tat-28 ta' Novembru 2010, f'paġni 6 u 7 tas-suppliment *fil-mument*, deher artiklu storiku ta' Francesco Pio Attard bl-isem *Il-Kanonku Nikol Vella Apap (1930-2000). Għaxar snin minn mewtu.* L-artiklu deher ftit tal-ġimgħat biss wara li ħabat l-għaxar anniversarju mill-mewt ta' dan is-saċerdot Ġorġjan, magħruf għall-bosta kitbiet tiegħu fuq pubblikazzjonijiet lokali kif ukoll għal imħabbtu lejn l-istorja u l-arti tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Artiklu ieħor ta' l-istess awtur fuq l-istess suġġett deher fil-ħarġa ta' din is-sena tal-pubblikazzjoni tal-festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni ċċelebrata fil-Belt Victoria mill-Franġiskani Konventwali.

Qaddisin "Ġorġjani" 30

RABTIET MAL-KULT TAL-PATRUN TAGĦNA U MA' DAN IT-TEMPJU DDEDIKAT LILU



*Antoine Vassallo*

vasantu@maltanet.net

# Il-Beata Maria Gabriella dell'Unità

## (tifkira liturġika fit-23 ta' April)

Maria Sagheddu twieldet fl-1914 ġo familja ta' raħħala f'Dorgali, fin-naħa tal-lvant tal-gżira ta' Sardinja: postijiet ta' sbuħija naturali u wirt arkeoloġiku kbir. Kienet rasha iebsa u tbati biex tobdi. Iżda kellha aspetti oħra tassew pożittivi fil-karattru, fosthom sens qawwi tad-dover u tal-fedeltà; fil-fatt niesha jispjegaw: "Tgerger iżda tobdi; tgħid le u tmurlek mill-ewwel!".



Ta' tmintax, x'aktarx b'riżultat tal-mewt ta' oħtha, donnha nbidlet ta' taħt fuq: immansat, ma baqgħetx jitilgħulha, saret serja u riservata. Kibru fiha l-karità u l-ispirtu tat-talb; dehret maħkuma minn sensibbiltà ekkleżjali u appostolika; saret attiva fil-parroċċa u nkitbet fl-Azzjoni Kattolika: bdiet tgħallem lit-tfal u tgħin lill-anzjani. Ixxettlet fiha r-radikalità li tiġi mis-smigħ u l-attenzjoni totali għar-rieda tal-Mulej.

Fil-fatt ma' l-għoxrin sena ddeċidiet li tikkonsagra ruħha 'l Alla. Immexxija mid-direttur spiritwali, telqet lil niesha u pajjiżha: daħlet fil-monasteru tat-Trappisti – jew Ċisterċensi "stretti" – ta' Grottaferrata, qrib Ruma; komunità fqira mill-aspetti ekonomiċi u kulturali. Matul il-ftit snin ta' wara ħajjitha kellha żewġ elementi essenzjali: (1) gratitudni għall-ħniena li dawwarha biha Alla, tant li sejħilha biex tkun tiegħu biss; kienet tħobb titqabbel ma' l-iben il-ħali tal-parabbola u ta' spiss kient tħoss il-bżonn li tirringrazzjah tal-vokazzjoni, id-dar, is-superjuri, is-sorijiet... insomma, ta' kollox; "Kemm hu tajjeb il-Mulej!", anki fil-mumenti tal-akbar tbatija; (2) xewqa li twieġeb għall-grazzja bl-isforzi kollha: li jitwettaq dak kollu li beda fiha l-Mulej, li titwettaq ir-rieda tiegħu; hekk biss issib il-vera paċi.

Waqt in-novizzjat kienet tibża' li ma jaċċettawhiex; mal-professjoni ħelset minn dan l-inkwiet. Ħakmitha ċertezza fl-abbandun, hekk li kellha l-qawwa toffri lilha nfisha f'sagrifiċċju: "Issa agħmel Int!", kienet tgħid b'mod tant sempliċi lill-Mulej. Il-tliet snin u nofs li għamlet fil-klawsura għaddiethom f'impenn kontinwu ta' konverżjoni biex tkompli fil-mixja wara Ġesù: f'ubbidjenza lill-Missier sal-mewt. Gabriella kienet tħossha offerta, mogħtija totalment lill-Mulej.

Sħabha s-sorijiet intlaqtu mill-mod kemm kienet tkun lesta biex titlob skuża bla ma tfittex skużi, mill-umiltà, u mid-disponibbiltà biex taċċetta kull xogħol li jagħtuha, anzi tidħol mill-qalb għall-iktar dmirijiet ta' tbatija. Żviluppa fiha sens qawwi taċ-ċokon tagħha: "Ħajti ma tiswa xejn; mela faċli noffriha!".

Il-badessa kienet Maria Pia Gullini: b'intelliġenza għaqlija daħħlet fil-komunità sens qawwi u wiesa' tal-ħajja spiritwali, iċċentrata fuq l-Ewkaristija. Ippreżentatilhom l-ideal ekumeniku, u, fuq suġġeriment ta' Patri Paul Couturier, li kien fost l-ewwel "akkaniti" fil-moviment ekumeniku, ħeġġithom jitolbu u joffru għemil u sagrifiċċji għall-kawża ta' l-għaqda fost l-Insara. Laqtitha sew lil Gabriella, li dlonk wieġbet: "Inħoss li l-Mulej iridni noffrilu ħajti b'din l-intenzjoni; inħoss din il-ġibda anki jekk ma naħsibx fuq hekk". Il-Madre fil-fatt kellha effett kbir fuq Gabriella, u weżnitha bis-sħiħ fil-mixja mgħaġġla tagħha.

Din is-soru żagħżugħa wriet maturità soda fl-għarfien tad-dgħufija u fis-sens ta' ubbidjenza totali. L-unika xewqa tagħha saret "ir-rieda ta' Alla, il-glorja tiegħu". Nafu, anki mill-paġni sofor tal-Bibbja personali, li kienet timmedita kuljum fuq il-kapitlu sbatax tal-vanġelu skond San Ġwann, bit-"talba saċerdotali" ta' Ġesù fl-Aħħar Ċena. Akkwistat dik il-libertà profonda li wasslitha biex tkun bħal Ġesù, li "tant ħabb sa l-aħħar". Is-sens intollerabbli tat-tiċrit fil-Ġisem ta' Kristu (il-firdiet fost l-Insara – in-nuqqas ta' unità) daħħal f'moħħha l-konvinzjoni ta' l-urġenza ta' l-offerta tagħha nfisha, imħallsa b'koerenza fidila sat-tmiem. Ġisimha tant b'saħħtu nħakem mit-tuberkolożi sa minn dak il-jum stess ta' l-offerta li għamlet: attakk li wassalha sal-mewt fi ftit iktar minn sena. Kienu ħmistax-il xahar ta' tbatija tremenda.

Din it-tbatija ntemmet fit-23 ta' April 1939 – jiġifieri meta kellha 25 sena –, mitluqa għal kollox għar-rieda tal-Mulej. Kien fil-għaxija; il-qniepen kienu jdoqqu l-Għasar fi tmiem il-Ħadd tar-Ragħaj it-Tajjeb, bil-Vanġelu jħabbar "merħla waħda u ragħaj wieħed". Mela anki din il-beata tista' tissejjaħ Ġorġjana: temmet l-agunija tagħha (tip ieħor ta' "martirju") f'Jum San Ġorġ, u issa b'tifkira f'nharu! Din l-offerta tagħha laqtet il-qalb ta' bosta, anki minn denominazzjonijiet Insara oħra, fosthom l-Anglikani; u l-komunità tagħha laqgħet numru sorprendenti ta' vokazzjonijiet fis-snin ta' wara.

Meta saret ir-rikonjizzjoni ta' ġisimha fl-1957 dan instab intatt; il-lum tpoġġa f'kappella mal-monasteru ta' Vitorchiano, qrib Viterbo, fejn marret il-komunità minn Grottaferrata minħabba ż-żieda fis-sorijiet. Il-beatifikazzjoni tmexxiet mill-Papa Ġwanni Pawlu II fl-1983 fil-Bażilika ta' San Paolo *fuori le mura*, nhar il-25 ta' Jannar: l-aħħar jum ta' l-ottava annwali ta' talb għall-għaqda fost l-Insara. Irrefera għaliha fl-enċiklika ta' l-1995 *Ut unum sint* fuq l-Ekumeniżmu: "Din is-soru Trappista nippreżentaha lill-Kattoliċi bħala mudell eżemplari biex nuri l-bżonn li lkoll ninkludu fit-talb tagħna l-intenzjoni ta' l-għaqda fost l-Insara, f'kull ħin u sitwazzjoni". Fl-omelija wara li tgħaqqdet mal-beati, il-Papa saħaq li tinkuraġġina nħarsu b'ottimiżmu u li għandna nammirawha u nimitawha – fit-talb u fl-isforzi – biex il-mixja ta' konverżjoni twaħħadna ma' Kristu.

# TISLIBA



## Mimdudin

1 F'Malta dan problema kbira. (8)
3 Għandu rabta ma' l-inbid. (6)
6 Mgħaqqdin flimkien. (10)
8 Iħobbha s-sħana tal-qroqqa. (6)
11 Attakkawna fis-seklu sittax. (5)
13 Belt Ingliża, imma hemm waħda ġdida fl-Amerika. (4)
14 Tal-gżejjer Maltin hi Mediterranja. (11)
16 Diversi partijiet. (8)
18 Min-naħa tal-missier. (7)
20 Post fl-Iskozja jew tip ta' laħam. (5)
22 Dan fis-sena qasir. (4)
23 Ta' kull sena. (7)
26 Imqassra. (10)
27 Jieħu ħsieb il-finanzi. (10)
28 Belt tissejjaħ "eterna". (4)
29 Kelma wżata biex tiddefinixxi xi ħaġa speċifika. (7)

## Weqfin

2 Riċeviment żgħir. (6)
4 Aġġettiv li joqgħod biss għal ftit. (4)
5 Hekk kien l-altar maġġur qabel sar dan tal-lum. (9)
7 Fil-festi tagħmel ħoss mhux ħażin! (12)
9 Gżira qrib l-Italja. (8)
10 Żmien li jfisser tħejjija għal miġja. (6)
12 Kumpanija Ingliża li ħa tiddisinja l-mużew. (11)
15 Jaħdmu f'librerija. (7)
17 Ikun fih il-granet kollha tas-sena. (10)
18 Kunjom jixbah belt Taljana. (4)
19 Il-ktieb imqassam fihom. (7)
21 Jista' jkun ta' kotba, artikli jew ittri. (5)
24 L-isem propju tar-Re Ġorġ VI. (6)
25 Varjetà. (5)

**Premju:**
*Aġjografija Ġorġjana*, ktieb interessanti fuq il-ħajja ta' San Ġorġ, miktub mill-Arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia.



**Ibagħtu t-tisliba maħduma flimkien mad-dettalji tagħkom f'dan l-indirizz: *Tisliba - Il-Belt Victoria*, Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex, jew inkella permezz ta' email lil *neville@sangorg.org*, sa mhux aktar tard mis-Sibt 5 ta' Marzu 2011.**
Ma jiġux aċċettati tislibiet maħduma fuq il-ġurnal stess. Ir-rebbieħ/a jitħabbar fil-ħarġa li jmiss, flimkien mar-riżultati t-tajba.

**Riżultati tat-Tisliba ta' Settembru-Ottubru 2010: Ħadd ma rebaħ it-tisliba.**
**MIMDUDIN:** 3) sindku; 6) biblijoteka; 9) Londra; 10) maltemp; 13) stinka; 14) vjolin; 15) armonija; 19) Ingilterra; 22) drawwa; 23) kardinal; 24) tletin; 25) sunett; 26) qronfla; 27) konkrit.
**WEQFIN:** 1) Dublin; 2) kalm; 3) Sajf; 4) qalb; 5) Cachia; 7) temporanju; 8) kollezzjoni; 11) modern; 13) sagristan; 16) Metz; 17) Frar; 18) Stoddart; 20) Appostli; 21) patt; 23) kotba.



# Mid-Djarju Parrokkjali

## KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Ottubru - Novembru 2010

*Andrew Formosa*

**5 ta' Ottubru**
**07.30pm:** Ittella' kunċert korali-strumentali fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia* minn *ensemble* ta' studenti tal-mużika fl-Isvezja mmexxija minn Anna Skoldh. Fil-bidu tal-kunċert, l-Ambaxxatriċi Svediża f'Malta, Ulla Gudmundson, li hi risidenti f'Ruma, għamlet kelmtejn ta' introduzzjoni.

**6, 7, u 8 ta' Ottubru**
**06.00pm:** Saru t-tlitt ijiem tat-Tridu Mqaddes bi tħejjija għall-festa parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa ta' Fatima, li l-istatwa tagħha tqiegħdet għall-qima fuq il-presbiterju. L-Arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa l-Quddies b'riflessjonijiet Marjani, bir-Rużarju wara u fi tmiemu l-Barka Ewkaristika.

**9 ta' Ottubru**
**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni fil-bażilika, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, fil-festa parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa ta' Fatima, li fiha hu ta l-mandat tal-katekiżmu lill-katekisti kollha li qed jgħallmu d-duttrina matul din is-sena pastorali fiċ-ċentri tar-Rabat. Għall-Quddiesa ġew mistiedna wkoll it-tfal flimkien mal-ġenituri tagħhom. Billi t-temp ma kienx jippermetti, flok il-pellegrinaġġ *aux flambeaux* mat-toroq ta' madwar il-bażilika, saret purċissjoni qasira bl-istatwa fin-navi tal-bażilika li ntemmet bil-Konsagrazzjoni lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija u l-Barka Ewkaristika.



**20 ta' Ottubru**
Mietet fil-Monasteru tas-Sultana tal-Qalb ta' Ġesù fi Triq Palma Swor Luisetta (Doris) Scicluna, soru Franġiskana tal-Qalb ta' Ġesù, oħt il-mibki Kan. Ġwann Scicluna, fl-età ta' 78 sena. Il-funeral tagħha sar jumejn wara fil-knisja tas-sorijiet maġenb il-monasteru.

**21 ta' Ottubru**
**04.30pm:** Fiċ-ċentru parrokkjali bdew il-laqgħat ta' kull nhar ta' Ħamis għat-tfal tal-Preċett. Din is-sena dawn qed jitmexxew mill-katekisti Rose Cefai, Lorna Tabone u Maria Zammit Borg, u fihom issir spjega tal-Quddiesa.

**22 ta' Ottubru**
**07.00pm:** Beda jiltaqa' wara s-Sajf il-Grupp tal-Bibbja fiċ-ċentru parrokkjali, immexxi minn Dun Joseph Mercieca, li fih issir l-ispjega tal-Liturġija tal-Kelma tal-Ħadd.

**23 ta' Ottubru**
**Wara nofs in-nhar:** Saret laqgħa tal-presbiterju parrokkjali fejn ġew diskussi bosta temi attwali, fosthom il-kwistjoni tad-divorzju.

**24 ta' Ottubru**
**10.00am:** Bdew il-laqgħat ta' kull ħmistax fil-parroċċa għall-koppji li qed jitħejjew għaż-Żwieġ. Iż-żmien obbligatorju ta' dawn il-korsijiet minn din is-sena sar ta' sentejn. Biex jgħinu fit-tħejjija ta' dawn il-laqgħat, li għalihom qed jattendi l-ikbar grupp ta' koppji f'Għawdex, il-parroċċa talbet l-għajnuna ta' numru ta' koppji miżżewġin mill-parroċċa biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom.

**26 ta' Ottubru**
Tliet mistiedna Taljani tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria, li qed jikkollaboraw fi proġett ma' l-istess kunsill, ġew imdawra mal-bażilika, akkumpanjati mis-Sindku Dr Samuel Azzopardi.

**28 ta' Ottubru**
**07.30pm:** Fl-adorazzjoni Ewkaristija ta' fil-għaxija fil-bażilika sar talb speċjali għall-Isqof Nikol Ġ. Cauchi, li kien iddaħħal l-isptar il-jum ta' qabel. It-talb mill-komunità parrokkjali għalih kompla għaddej fil-jiem ta' wara.

**29 ta' Ottubru**
**12.30pm:** Dr Paul G. Pisani mexxa *tour* mat-teżori artistiċi tal-bażilika bħala parti mill-*Festival Mediterranea* organizzat mis-Soċjetà Filarmonika *La Stella*.



**31 ta' Ottubru**
**10.00am:** Wara l-waqfa tas-Sajf, reġgħet bdiet tiġi organizzata l-Quddiesa għat-Tfal u l-Adolexxenti fil-bażilika. Wara li s-sena l-oħra din il-Quddiesa kienet qed issir fil-5.00pm, għal din is-sena ġie deċiż li tibda ssir fil-għodu.
**11.00am:** Il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri* ta s-sehem tiegħu fil-*Festival Mediterranea* bl-attività *Music in the Liturgy*, fejn kif jagħmel kull sena anima l-Quddiesa b'motetti sagri u kant ieħor polifoniku.
**08.00pm:** Bħala parti mill-*Festival Mediterranea*, ittella' l-*Fodera Piano Duo Recital* fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*.

**1 ta' Novembru**
Il-*Ladies Society* tal-parroċċa organizzat ħarġa għal

Malta bi żjarat liċ-ċimiterju ta' Wied Għammieq, fejn ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Dun Geoffrey G. Attard.
**09.00am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni fil-bażilika, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, fis-solennità tal-Qaddisin kollha.
**2 ta' Novembru**
**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni fil-bażilika, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, fit-tifkira solenni ta' l-Erwieħ Mejtin kollha. Fi tmiem il-konċelebrazzjoni l-Arċipriet inċensa u bierek l-oqbra li jinsabu taħt il-paviment tal-bażilika.
**5 ta' Novembru**
**06.00pm:** Fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Ċeċilja, patruna tal-mużiċisti, l-*Għaqda Każini tal-Baned f'Għawdex* għażlet li ttella' għall-ewwel darba ċelebrazzjoni għall-għaqdiet mużikali kollha ta' Għawdex b'pontifikal mill-Isqof Mons. Mario Grech fil-Bażilika ta' San Ġorġ u wara b'marċ mill-Banda Ċittadina *La Stella* minn Pjazza San Ġorġ sa Triq ir-Repubblika. Għal din l-attività attendew diriġenti u rappreżentanti ta' disa' soċjetajiet mużikali f'Għawdex.
**7 ta' Novembru**
**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Quddiesa fl-okkażjoni tal-ftuħ ta' ġimgħa speċjali ta' formazzjoni tal-Moviment ta' l-Azzjoni Kattolika fir-Rabat, li għaliha attendew il-membri ta' l-istess moviment. Ikkonċelebra miegħu Mons. Marco Frisina, direttur tal-Kappella Mużikali Pontifiċja tal-Lateran, li wara għamel żjara fis-sagristija u ċ-ċentru parrokkjali u anki daqq ftit il-*Grand Yamaha Concert Piano* fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia.*



**9 ta' Novembru**
**09.00am:** L-Uffiċċju Parrokkjali ħareġ numru limitat ta' kartolini speċjali fl-okkażjoni tal-ħruġ mill-*Maltapost plc*, il-jum ta' qabel, ta' bolla b'dettall tal-pittura tal-Madonna ta' Mejju meqjuma fil-kor ta' l-istess bażilika bħala parti mis-sett tal-festi tal-Milied 2010. Fuq il-kartolina kemm it-timbru li wkoll fih disinn mill-istess kwadru flimkien ma' tagħrif fuq il-pittura.
**06.00pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex u dekan tal-kolleġġjata, mexxa pontifikal solenni fil-bażilika, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, fis-solennità ta' l-Anniversarju tad-Dedikazzjoni ta' l-Arċibażilika ta' San Ġwann tal-Lateran f'Ruma, li magħha l-Bażilika Ġorġjana hi aggregata spiritwalment.
**12-14 ta' Novembru**
Il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri* kien il-mistieden ta' Mons. Giuseppe Liberto, direttur emeritu tal-Kappella Mużikali Pontifiċja Sistina, f'mawra fi Sqallija biex jipparteċipa fil-Festival *Cori in Concordia* f'Agrigento.
**14 ta' Novembru**
**09.00am:** Mons. George Bezzina mexxa konċelebrazzjoni solenni fil-festa parrokkjali ta' San Klement u San Paċifiku, fejn fil-bidu tal-Quddiesa inċensa r-relikwi ta' dawn iż-żewġ qaddisin martri fuq l-altari ta' San Lazzru u ta' Santa Katarina rispettivament. Il-korp sant ta' San Klement, bħal kull sena, f'dawn il-ġranet inħareġ għall-qima fuq l-altar ta' San Lazzru. Għall-okkażjoni l-Uffiċċju Parrokkjali ppubblika wkoll santa tal-qaddis f'forma ta' kartolina, b'tagħrif storiku u talba.
**15 ta' Novembru**
**Fil-għodu:** Tħabbret il-mewt ta' Mons. Nikol Ġużeppi Cauchi, isqof emeritu ta' Għawdex u dekan emeritu tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ. Il-Bażilika Ġorġjana kienet fost l-ewwel li tat l-aħbar bit tokki kiebja tagħha. Bosta ġrajjiet oħra importanti seħħew fil-jiem ta' wara, fosthom il-funeral ta' l-Isqof Cauchi fil-Katidral ta' l-Assunta fis-17 ta' Novembru, li għalih attendew bosta mill-membri tal-kapitlu, il-kleru u l-komunità parrokkjali ta' San Ġorġ, li b'iktar minn mod wieħed ma naqsitx li turi sinjali ta' mħabba u gratitudni lejn dan il-missier spiritwali u benefattur tagħha.
**16 ta' Novembru**
**10.00am:** *Leħen il-Belt Victoria* xandar programm speċjali fl-okkażjoni ta' l-għaxar anniversarju mill-mewt tal-Kan. Nikol Vella Apap.
**19 ta' Novembru**
**03.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Quddiesa fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija "Tal-Barmil", fil-limiti tax-Xewkija, b'suffraġju tal-membri mejtin tal-parroċċa, u wara bierek l-oqbra tagħhom.
**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni konventwali fil-bażilika, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, b'suffraġju ta' l-erwieħ tas-saċerdoti mejtin tal-parroċċa.
**26 ta' Novembru**
**08.00pm:** Saret l-ewwel laqgħa parrokkjali għall-adolexxenti fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*, li tmexxiet minn Patri Peter Paul Cachia OSA. Wara l-istudenti marru jieħdu xi ħaġa tajba flimkien. Il-laqgħa bdiet issir kull l-aħħar Ġimgħa tax-xahar.
**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni konventwali fil-bażilika, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, b'suffraġju tal-membri u bandisti mejtin tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*.
**27 ta' Novembru**
**12.30pm:** Bħala għeluq tal-*Festival Mediterranea*, il-Grupp Folkloristiku *Astra*, li kien qed jagħlaq erbgħin sena mit-twaqqif tiegħu, organizza l-Festival *FolkGħabex*, bis-sehem ta' gruppi folkloristiċi mill-Portugall, l-Italja u r-Repubblika Ċeka. Bħala parti minn dan il-festival ittellgħet ċelebrazzjoni ta' ferħ fil-bażilika, li fiha l-gruppi ngħataw ukoll tagħrif minn Antoine Vassallo fuq il-proġett tal-*Fondazzjoni Belt Victoria*. F'din l-okkażjoni żżanżan l-iskrin ġdid tal-parroċċa mixtri bl-inizjattiva ta' l-Uffiċċju Parrokkjali.
**28 ta' Novembru**
**11.00am:** Dun Ġużepp Gauci, saċerdot mill-parroċċa tagħna li hu ddelegat mill-Isqof u mis-Superjura Ġenerali tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù biex jippromovi d-devozzjoni lejn Madre Margerita De Brincat, mexxa Quddiesa fil-bażilika fl-okkażjoni tal-148 anniversarju mill-Magħmudija ta' din il-Qaddejja ta' Alla fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Attendew sorijiet tal-Kongregazzjoni tal-Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù.
**07.00am:** Beda jxandar bi skeda sħiħa l-istazzjon tar-radju komunitarju *Leħen il-Belt Victoria.*
**04.30pm:** Il-kapitlu u l-kleru ħa sehem fil-kant solenni tat-Tieni Għasar ta' l-ewwel Ħadd ta' l-Avvent.

# MITT SENA MIT-TWELID TA' L-ARĊIPRIET MONS. EMANUEL MERCIECA




Kull sena, ma' l-aħħar ħarġa tas-sena ta' dan il-perjodiku, *Il-Belt Victoria*, inqassmu bħala suppliment speċjali l edizzjoni li jmiss tal-Kalendarju tal-Parroċċa. Nafu kemm din il-pubblikazzjoni tkun mistennija, u għalhekk iżjed u iżjed nippruvaw iwwasslu messaġġ permezz tat-tema magħżula għall-parti ta' fuq tal-qoxra, li dejjem tkun bil-kulur.

Kif kulħadd jista' jinnota, il-Kalendarju 2011 iġib fuq quddiem u bi prominenza r-ritratt ta' l-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca (1910-2000), li fl-24 ta' Diċembru 2010 ħabat il-mitt anniversarju mit-twelid tiegħu, waqt li f'Awwissu li għadda fakkarna wkoll l-għaxar snin minn mewtu. L-Arċipriet Mercieca, kemm bħala saċerdot u kemm bħala ragħaj tal-parroċċa tagħna, kien benefattur illustri tal-komunità parrokkjali Ġorġjana tal-Belt Victoria, u dejjem ħalla jiggwidawh dawk il-kelmiet sbieħ tas-salm: "Il-ħeġġa għal darek fnietni" (69:10). Għalhekk jixraqlu tassew li nfakkruh kif imiss, kif għad ikollna ċ-ċans infissru aħjar!

Kif għamilna fil-każ tal-Kanonku Nikol Vella Apap fil-ħarġa li għaddiet, iktar tard fl-2011 fi ħsiebna niddedikaw paġni speċjali ta' ħarġa minnhom lil dan il-persunaġġ kbir u għażiż għalina, hekk kif anki l-Kumitat Storiku-Kulturali tal-Bażilika qed iħejji tifkira speċjali f'għeluq dan l-anniversarju.

# Mons. Anton Borg maħtur vigarju parrokkjali



Nhar it-Tlieta 14 ta' Diċembru 2010, hekk kif il-parroċċa kienet medhija bl-aħħar tħejjijiet għan-Novena tal-Milied, waslitilna l-aħbar sabiħa li l-Bażilika ta' San Ġorġ kienet ingħatat saċerdot minn fost uliedha biex jagħti servizz bħala vigarju parrokkjali. Wieħed jifhem il-ferħ ta' dawk kollha li jħobbu l-ħidma pastorali li ssir fil-parroċċa tagħna għal aħbar bħal din, għax ilha tinħass il-ħtieġa li l-Arċipriet ta' San Ġorġ ikollu iktar min jgħinu fit-treġija tal-komunità parrokkjali, speċjalment fil-qasam pastorali.

Mons. Anton Borg ġie maħtur vigarju parrokkjali b'digriet ta' l-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex, iffirmat fl-14 ta' Diċembru stess. Għalkemm il-ħidma ta' Dun Anton fid-djoċesi hi f'diversi oqsma, minn meta qaddes fl-1972 dejjem kellu impenji pastorali barra mill-ambjenti diretti tal-parroċċa tagħna, anki jekk kien għal xi żmien direttur ta' l-*Oratorju Don Bosco*. Flimkien ma' ħuh Dun George, hu issa ilu għal bosta snin iwettaq ħidma tassew utli mal-koppji li jfittxu l-għajnuna għand il-Moviment Ta' Kana, li għandu ċ-ċentru tiegħu f'Għawdex fi Triq Fortunato Mizzi. Barra minn hekk, Mons. Borg hu professur tat-Teoloġija Morali fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex.

Lil Dun Anton nawgurawlu ħidma sfiqa b'riżq il-veru ġid tal-parroċċa ta' San Ġorġ, biex naraw toktor fostna l-attività pastorali u l-kordinament fl-istrutturi amministrattivi kollha tal-parroċċa.